**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTONIO G. VELLA**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 23 ta' April 2024**

**Rikors guramentat nru ; 183 /2019 AGV**

**RF**

**VS**

**CF**

**Il-Qorti,**

**Rat ir-Rikors guramentat ta' RF fejn ippremetta s-segwenti :-**

1. Illi l-kontendenti zzewgu fit-tletin (30) ta' Gunju tas-sena elfejn u wiehed (2001) kif juri c-certifikat taz-zwieg hawn anness u mmarkat bhala **Dok A.**

Il-kontendenti kellhom zewgt minuri, A li se taghlaq sbatax il-sena fi ftit granet ohra u Y li illum ghandu tnax-il sena u li twieldu fis-sebgha u ghoxrin (27) ta Lulju tas-sena elfejn u tnejn (2002) u fit-tmienja u ghoxrin (28) ta Jannar tas-sena elfejn u sebgha (2007) rispettivament kif juru c-certifikati tat-twelid hawn annessa u mmarkati bhala **Dok B u C.**

2. Illi z-zwieg ta' bejn il-kontendenti tkisser irrimedjabilment u dana minhabba vjolenza domestika da parti tal-intimata fuq ir-rikorrenti, kif ukoll minhabba eccessi, sevizzi, mohqrija , theddid u ingurji u offizi gravi ohra da parti tal-intimata fil-konfront tar-rikorrenti hekk kif ser jigi ppruvat fil-kors tal-kawza kif ukoll li z-zwieg tkisser b'mod irrimedjabbli.

3. Illi l-hajja mizzewwga kienet wahda mimlija kontroll, vjolenza verbali, emozzjonali, psikologika kif ukoll fizika. Illi l-intimata qatt ma kienet kuntenta bl-attur u bil-qaghda finanzjarja taghhom. Hija riedet tghix hajja ta' wahda sinjura u lil hinn mill-mezzi taghhom. Fil-fatt hija dejjem kienet tgerger mal-attur minhabba l-qaghda finanzjarja taghhom. Illi tajjeb ghad li l-introjtu tal-partijiet huwa wiehed average ghal familja Maltija, izda l-konvenuta ma kienetx kuntenta li tghix hajja li ma tmurx lil hinn mill-mezzi taghhom, izda riedet tghix hajja ta' sinjura u kif jghid fil-Lingwa Ingliza, hija riedet *to keep up with the Joneses.* Illi fil-verita' hija gieghlet lill-attur sabiex jaccetta u jbiegh id-dar matrimonjali originali sabiex jixtru u jmorru joqghodu gewwa Pender Gardens li huwa ferm lil hinn mill-mezzi finanzjarji taghhom. Ma setghux ilahhqu bl-ispejjez u li jghixu f'dana il-post, li l-attur kellu jsib impjieg part-time izda dana spicca jkun ta' deteriment ghal sahhtu u fil-fatt kellu jwaqqaf tali impjieg.

4. Illi dan ma kienx l-unika sforz ta' dizgwit bejn il-partijiet. Illi peress li l-konvenuta dejjem trid tghix hajja ta sinjura hija sabet sports li jirrikjedi hafna nfiq ta flus ghal binthom minuri u cioe l-iswimming. Illi fejn jidhol attivita extra-kurrikulari, dana jrid ikun attivita' li jhallas lill-partijiet u mhux immur lil hinn mill-mezzi taghhom. Attivitajiet extra-kurrikulari mhuwiex manteniment u mhuwiex ta' bzonn sabiex tghajjex il-minuri. Illi l-attivita' tal-iswimming ta' binthom minuri A kien dejjem sforz ta' glied bejn il-partijiet. L-attur qatt ma qabel li hija tmur ghal dana l-isports u dana peress li l-partijiet ma jaffordjawx ihallsu tali attivita'. Fil-fatt huwa qatt ma hallas hlief ghal xi safra wahda u kull spiza relatat ma' dana l-isports kien kollu imhallas mill-konvenuta jew minn familtha. Izda peress li huwa ma jghatix kontribut ghall-attivita' ta' A huwa jhallas kull spiza relata mal-attivitajiet extra-kurrikulari ta' binhom Y u dana ghaliex l-attivita extra-kurrikulari ta' binhom Y hija wahda li finanzjarjament hija wahda ragonevoli.

5. Illi apparti li l-konvenuta dejjem mohha fil-flus u dejjem tghix hajja lil hinn mill-mezzi tal-partijiet, il-konvenuta dejjem tikkritika u tmaqdar lill-attur tghidlu li mhuwa tajjeb ghal xejn li huwa ghazzien u diversi kliem simili. Gurnata shiha tmaqqdar u tghajjru anke quddiem uliedhom stess li issa uliedu lanqas rispett ma jgibulu ghax ghandhom stampa ta' missierhom skont x'tghidilhom ommhom. Dana l-abbuz verbali kien ukoll psikologiku ghax l-attur kien ihossu bullied ikkontrollat, issoffokat u iffastidjat mill-konvenuta  sahansitra kien hemm drabi fejn l-konventa uzat il-forza fizika fuqu tant li ma felahx jghix aktar taht l-istess saqaf u qalilha li se jmur jghix ghand il-genturi tieghu. Illi huwa ghalhekk telaq mid-dar martimonjali mhux b'kappricc izda minhabba ragunijiet validi skont il-Ligi u dan kif ser jigi ppruvat iktar 'l quddiem fil-mertu tal-kawza.

6. Illi minn mindu telaq mid-dar matrimonjali huwa baqa' jhallas fl-inter tieghu l-home loan li hemm fuq il-fond matrimonjali kif ukoll il-maintenance block annwali ta' Pender Gardens kif ukoll il-kontijiet tad-dawl u ilma li hemm fuq id-dar matrimonjali qabel ma telaq mid-dar l-partijiet qabblu li bhala manteniment ghal ulied minuri huwa jibqa' jhallas il-kontijiet tad-dawl u ilma.

7. Illi l-konvenuta qeghda tghawwi lil ulied minuri kontra l-attur u fil-fatt qeghda tinvolvi lil minuri sabiex jissipijaw fuq missierhom stess! Minhabba l-agir tal-konvenuta hemm *parental alienation* kbira bejn l-attur u uliedu u dana minhabba l-agir tal-konvenuta stess li sahansitra anke ghamlet atti ta' stalking lill-attur u qaghdet tinkwieta lil missier l-attur b'dana l-agir. Di fatti meta l-attur skopra li qieghed jigi *stalked* mill-konvenuta huwa beda jhossu hafna hazin bezghan u sahansitra beda jibza johrog mid-dar tal-genituri tieghu fejn mar jghix wara li telaq mid-dar matrimonjali.

8. Illi minkejja l-isforzi tar-rikorrenti tenut kont ic-cirkostanzi l-ebda ftehim amikevoli ma seta' jsehh u dana minhabba l-intransigenza da parti ta l-intimata li l-animu taghha kien li dahhal lir-rikorrenti f'kawza kontensjuza.

9. Illi l-partijiet gew debitament awtorizzati illi jipprezentaw din il-kawza ta separazzjoni permezz ta' digriet moghti f'dan l-istess sens minn dina l-Onorabbli Qorti fis-sittax (16) ta' Lulju tas-sena elfejn u dsatax (2019).

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet fuq permessi qieghed jigi umilment mitlub mir-rikorrenti sabiex dina l-Onorabbli Qorti joghgobha :-

1. Tiddikjara s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti u dana ghar-ragunijiet imputabbli unikament lill-intimata ai termini tal-Artikoli 37 u 40 tal-Kodici Civili u/ jew ghal fatt li l-hajja matrimonjali ta’ bejnithom ma hix aktar possibbli ghax iz-zwieg tkisser b’mod irrimedjabbli u dan ai termini tal-Artikolu 40 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta’ Malta.

2. Tiddikjara li l-kura u kustodja tal-minuri A  u Y tkun fdata b’mod kongunt f’idejn iz-zweg partijiet.

3. Tiddikjara illi l-minuri A u Y jirrisjedu primarjament mal-konvenuta filwaqt li r-rikorrenti ikollu access lejn l-istess minuri inkluz bil-facilita’ ta’ sleeepovers.

4. Tordna u tiffissa ammont bhala manteniment mensili ghall-minuri A u Y liema manteniment ghandhu jithallas mir-rikorrenti lill-intimata permezz ta’ Standing order.

5. Tirda u tiffissa illi l-ispejjez ta edukazzjoni u sahha tal-minuri A u Y ghandhom jithallsu f’ishma ugwali bejn il-partijiet.

6. Tapplika kontra l-imsemmi intimata l-effetti tad-disposizzjonjiiet tal-Artikoli 48 u 51 tal-Kodici Civili in toto jew in parte.

7. Tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti u tordna li l-istess oggetti formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti jigu likwidati u maqsuma f’zewg porzjonijiet illi jigu assenjati, wahda lill-attrici u l-ohra lill-intimat, liema porzjonijiet ghandhom jigu komposti billi jigi ddikjarat id-data li joghgobha tistabbilixxi dina l-Qorti bhala d-data

meta l-intimat tigi kkonsidrata li hija hajta tal-firda b'tali mod li tkun tilfet kull jedd ghal kull akkwist maghmul bil-hila tal-attur skont il-ligi mentri huwa jkollu jedd ghal kull akkwist li hija tkun ghamlet, u dan okkorendo b'opera ta' perit nominandi sabiex jillikwida l-istess kommunjoni u billi jigi nominat nutar sabiex jircievi l-att relattiv u kuratur biex jirraprezenta lill-eventwali kontumacja fuq l-istess att.

8. Tikkundanna u tordna lill-intimata sabiex fi zmien perentorju li jigi prefiss minn dina l-Qorti huwa jhallas u/jew jikkonsenja lill-attur l-oggetti parafernali tieghu inkluz flus u krediti ohra kif ukoll l-oggetti dotali tieghu. Fin-nuqqas tikkundannaha thallas l-valur taghhom.

9. Tikkundanna u tordna lill-intimata sabiex fi zmien perentorju li jigi prefiss minn dina l-Qorti hija thallas jew tikkonsenja lill-attur d-donazzjonijiet kollha inkluz dawk fi flus illi l-genituri tieghu tawh matul il-hajja matrimonajli.

10. Tikkundanna u tordna lill-intimata sabiex fi zmien perentorju li jigi prefiss minn dina l-Qorti hija thallas lill-attur l-valur ta' ameljoramenti li saru gewwa d-dar matrimonjali 104, Pender Gardens, Triq Sant' Andrija, San Giljan, STJ 1900 mir-rikorrenti u/jew familtu u dan anke okkorendo b'opera ta perit nominandi sabiex issir tali valutazzjoni.

11. Tordna l-bejgh tal-fond matrimonjali cioe' l-fond 104, Pender Gardens, Triq Sant' Andrija, San Giljan, STJ 1900 u dan wara li jinqata' d-dejn minnu fuqu r-rikavat jinqasam f'zewg porzjonijiet ai termini tal-hames talba huwa fuq delinjata liema porzjonijiet ghandhom jinghataw lill-kontendenti dejjem ai termini tas-seba' talba fuq delinjata.

12. Tinnomina nutar pubbliku sabiex jippubblika l-att ta bejgh relattiv kif ukoll kull att iehor ancillaru ma' tali bejgh inkluz il-konvenju in vista tat-talba precedenti u kuratur sabiex jirrapprezenta l-eventawli kontumacja tal-intimata.

Bl-ispejjez ta' dawn il-proceduri kif ukoll tal-medjazzjoni 1509/18 u 1371/18 kontra l-intimata li minn issa hija ngunta in subizzjoni.

**Rat ir-Risposta guramentata ta'  CF** fejn eccepiet is-segwenti:-

**<u>Talbiet tal-Attur</u>**

1. Illi fir-rigward tal-ewwel talba tal-attur, l-esponenti taqbel illi ghandha tigi ppronunzjata s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti izda dan mhux ghar-ragunijiet moghtija mill-attur li huwa unikament u esklussivament responsabbli ghat-tkissir taz-zwieg tal-partijiet wara li rrenda ruhu hati ta adulterju , sevizzi , eccessi theddid u ingurji gravi fil-konfront tal-esponenti b'mod illi rrenda il-hajja matrimonjali ta' bejniethom ghal kollox impossibbli, b'dan illi ghaldaqstant l-Artikoli 37 u 40 tal-Kodici Civili ghandhom jigu applikati fil-konfront tieghu.

2. Illi t-tieni talba tigi ampjament ikkontestata b'dan illi l-kura u l-kustodja tal-Minuri A u Y, ahwa F  ghandha tkun esklussivament ghall-omm u kull decizjoni rigwardanti l-minuri inkluz wkoll decizjonijiet ta' sahha u edukazzjoni ghandhom jiittiehdu minnha biss minghajr il-bzonn li tottjeni kunsens jew approvazzjoni minghand l-attur.

3. Illi t-tielet talba mhijiex ikkontestata mill-esponenti tenut kont tal-fatt pero' illi l-attur irid jirrispetta l-hinijiet u l-granet tal-access illi jinghataw b'dana li effettivament jezegwixxi dan l-access u mhux jinjorah. Jigi rilevat li l-minuri A ilha ma jkollha kuntatt mal-attur, primarjament ghaliex missierha m'ghandux interess li jiltaqa' ma' bintu u ukoll l-istess minuri ghandha diffikulta' sabiex tippercepixxi r-relazzjoni li missierha ghandu ma' B P u uliedha , ghalhekk tali access ghadu jitnehda u jimxi b'mod gradwali.

4. Illi ghal dak li jirrigwarda r-raba' u l-hames talba ossia rigward alimentari ghall-minuri A u Y, kif ukoll il-hlas ugwali ghall-ispejjez ta' sahha u edukazzjoni, l-esponenti mhux qed tikkontesta tali talbiet tenut kont pero' tal-attivitajiet extra kurrikulari taz-zewg minuri fejn l-ispejjez involuti ghandhom jinqasmu wkoll ugwalment bejn il-kontendenti.

5. Illi s-sitt talba ghandha tigi michuda in toto stante li l-attur huwa l-persuna responsabbli ghat-tkissir taz-zwieg tal-kontendenti, u ghalhekk bl-ebda mod ma ghandhom jigu applikati d-dispozizzjonijiet tal-Artikoli 48, 51 sa 61 tal-Kodici Civili fil-konfront tal-esponenti, izda semmai dawn ghandhom jigu applikati fil-konfront tal-istess attur.

6. Illi s-seba' talba mhijiex kontestata limitatament ghax-xoljiment u l-likwidazzjoni tal-kommunjoni tal-akkwisti bejn il-kontendenti stante li, ghall-kuntrarju ta' dak allegat mill-attur fir-rikors promotur, huwa l-attur li huwa hati tal-firda u huwa hu li ghandu jitlef kull jedd kull akkwist maghmul bil-hila tal-esponenti skont il-ligi b'dan li l-esponenti ghandu jkollu jedd ghall kull akkwist li l-attur ikun ghamel, in oltre hija l-esponenti li ghanda krediti parafernali kontra l-kommunjoni ta l-akkwisti u dan kif ser jirrizulta tul it-trattazzjoni tal-prezenti kawza.

7. Illi t-tmien talba mhux qed tigi kontestata izda dan ghandu jsir biss meta jigu indikati l-oggetti paraferanli u dotali tal-esponenti li qeghdin fil-pussess tal-attur, senjatament ghand il-genituri tieghu f'propjeta' taghhom li tinsab gewwa n-Naxxar illi l-esponenti naturalment m'ghandiex access ghaliha, fin-nuqqas l-attur ghandu jhallas ta' dawn l-oggetti lill-istess esponenti. Jigi nnutat illi l-unici affarijiet parafernali tal-attur fil-pussess tal-esponenti huma hwejgu u bicca arti appartenenti lill-missier l-attur. Ghalhekk it-talba sabiex l-esponenti tirristitwixxi lill-attur il-propjeta' parafernali tieghu jew valur tal-istess saret inutilment u ghandha tigi michuda stante li l-beni tal-attur dejjem kienu u ghandhom fil-piena pussess u amministrazzjoni tieghu.

8. Illi d-disa' talba ukoll saret inutilment stante li l-genituri tal-attur qatt ma taw donazzjonijiet lill-kontendenti, la meta kienu gharrajjes u lanqas fil-hajja matrimonjali , ghajr ghall-honeymoon, somma zghir li nghata bhala depozistu fil-konvenju tax-xiri tad-dar matrimonjali prezenti u xi somma zghira meta l-attur xtara vettura ghalih.

9. Illi fir-rigward tal-ghaxar talba, jigi rilevat illi l-unika haga li qatt ghamel l-attur fid-dar matrimonajli ossia 104, Pendergardens, Triq Ivo Muscat Azzopardi, San Giljan, kienet illi jarma tlett gwardarobbi li gew flat packed u li zebghah il-hitan. Mill-bqija kemm l-attur u wisq anqas il-familja tieghu qatt m'ghamlu jew ikkontribwixxew xejn, la manwalment u lanqas finanzjarjament fid-dar matrimonjali ahseb u ara kemm saru ameljoramenti minnhom kif allegat mill-attur, u ghalhekk tali talba qed tigi ampjament kontestat.

10. Illi l-hdax il-talba qed tigi kontestata u dan ghaliex id-dar matrimonjali hija d-dar tal-minuri u ghalhekk tali bejgh se mai ghandu jsehh wara li l-minuri Y jaghlaq l-eta ta' 23 sena. Inoltre rigward tal-assenjazzjoni tal-porzjonijiet sussewgentament ghall-bejgh certament illi m'ghandhomx ikunu ai termini tas-seba' talba tal-attur u dan ghaliex parti mill-fond inxtara minn flus illi rceviet l-attrici minghand missierha sussegwentament ghal bejgh ta' propjeta' ohra illi l-konjugi kienu jghixu fiha qabel, liema propjeta' kienet appartenenti lill-missier l-esponenti u dan kif ser jigi ppruvat fil-mori tal-kawza kif ukoll ghaliex huwa l-attur li huwa hati tat-tifrik taz-zwieg bejn il-partijiet.

<u>**Eccezzjonijiet ulterjuri**</u>

11. <u>I</u>lli l-allegazzjonijiet tal-attur fil-konfront tal-esponenti huma ghal kollox infondati u inveritiera stante li mhux minnu li l-esponenti kienet sors ta' vjolenza la verbali, emozzjonali psikologika, fizika u lanqas xorta ohra ghal attur. Ghalkemm l-attur jinsisti u jirrepeti diversi drabi li l-esponenti riedet tghix hajja ta sinjura, dan assolutament mhux minnu u dan kif ser jigi spjegat f'hafna dettali fil-mori tal-kawza. Meta kienu gharajjes l-esponenti kienet diga' tahdem diversi xogholijiet, filwaqt li dak iz-zmien l-attur kien jistudja u beda jahdem appena beda johrog mal-esponenti. Kien qed jaghmel Baccellerat tal-Istorja u Arkeologija , liema degree 'l quddiem qatt ma hadem biha. Kull xoghol li qatt mar interview u intaghzel kellu. Mohhu fil-band li jdoqq fiha u jilghab bil-playsation id-dar. Minkejja dan dawn kienu kollha affarijiet li kienet taf dwarhom l-esponenti u qatt ma dejqitu bihom, wisq anqas ghajritu bihom, kemm bejnithom jew fil-presenza tat-tfal.

12. Illi r-realta' hi li l-esponenti dejjem hadmet ghall-familja u ghal uliedha u jekk zewg xogholijiet hasset li ma kienux bizzejjed ghar-responsabilitajiet li kellhom il-kontendenti meta kellhom it-tfal rat kif ghamlet sabet taqla' introjtu mod iehor, u dan biex tpatti tan-nuqqasijiet tal-attur. Huwa kien jikkontribwixxi mill-inqas u qatt ma ried imur jahdem part-time minkejja li kellu xoghol li jibda fil-5:30AM u jispicca fis-1:00PM . L-esponenti bhal kull persuna ohra li tahdem u taspira li tghix komda riedet biss l-ahjar ghall-familja taghha. Naturalment meta kellhom lil A u Y ir-responsabbilitajiet tal-partijiet kibru, izda l-attur ippretenda li jibqa' jikkonduci l-istil ta' hajja li kien jghix meta l-partijiet kienu ghadhom minghajr ulied, bl-istess paga filwaqt li l-esponenti fehemet x'inhuma d-dmirijiet taghha ta' genitur lejn uliedha. Hija wkoll kompliet tistudja u dan ghamlitu anki meta kienet tqila u meta t-tfal kienu zghar u dan dejjem biex tavvanza fix-xoghol taghha bl-ghan li tkun tista ssostni l-bzonnijiet tal-familja taghha b'mod ahjar.

13. Illi ghal dak li qed jinghad dwar il-bidla tad-dar matrimonjali gewwa Pendergardens dak li qed jigi rilevat mill-attur huwa kollu gideb. Fil-verita' il-partijiet kienu jghixu Marsaskala gewwa dar li kien propjetarju taghha missier l-esponenti, liema dar giet offruta lill-partijiet mill-genituri tal-esponenti sabiex il-partijiet ma jkollox bzonn jiehdu loan u jiffrankaw milli jidhlu fi spejjez zejda- specjalment fil-bidu tal-hajja mizzewwga taghhom. Peress illi t-tfal kienu qieghdin jikbru hafna mill-attivitajiet li kienu jattendu ghalihom, kemm fejn tidhol skola u kif ukoll attivitajjiet extra kurrikulari kienu jinsabu madwar in-naha ta' San Giljan, il-partijiet flimkien ftehmu li kien jaqbel li jibdew iffitxu dar lejn t-Tramuntana ta' Malta. Jinghad ukoll illi l-genituri tal-esponenti li huma biss kienu jghinu lill-esponenti f'dak li jikkoncerna t-tfal u mal-qadi li kien ikollha taghmel, stante li l-esponenti kien ikollha tlahhaq ma kollox hi, kienu wkoll jghixu

fit-Tramuntana u ghalhekk tali decizjoni kienet taghmel sens- di fatti l-kontendenti kienu qablu fuq dan. Sussegwentament, kienu imorru jaraw postijiet flimkien u flimkien ghamlu budget ta' circa tlett mitt elf Ewro (€300,000) tliet mija ghaxart elef Ewro (€310,000). Gara li b'kumbinazzjonijiet l-esponenti rat post fuq Facebook jirriklama appartament gewwa Pendergardens li kien qieghed jigi offrut bi prezz imnaqqas hafna u flimkien l-partijiet marru jarawh u ddecidew li jixtruh.

14. Illi l-ftehim tal-partijiet qabel ma trazloka , ossia meta ddecidew illi jixtru dar gdida gewwa Pendergarden kienu illi mill-bejgh tad-dar matrimonjali ta' Marsaskala, missier l-esponenti jghaddilha r-rikavat kollu tal-bejgh li permezz tieghu l-esponenti setghet titfghu fuq id-dar matrimonjali l-gdida, u kienu qablu wkoll li l-attur isib impjieg part-time halli b'hekk ihallsu l-loan ta' circa sitt mitt-Ewro (€600) fix-xahar. Hemm ukoll Home Improvements loan li qed jithallas mill-esponenti. Assolutament mhux minnu li l-attur kellhu jahdem part time ghax marru jghixu f' post li ma felhux ghalih. Jinghad ukoll illi l-impijieg part time sabulu missier l-esponenti u l-attur tant kemm is-sitwazzjoni kienet saret mimlija tensjoni u dan ghaliex l-attur qala diversi warnings senjament ghax seraq u ukoll ghax kien ikun dejjem fuq il-mobile. L-unika raguni li ma tkecciex kien ghaliex qabez ghalih missier l-esponenti b'rispett tan-neputijiet tieghu.

15. Illi ghar-rigward tal-isport tal-ghawm ipprattikat mill-minuri A jigi kkjarifikat illi l-partijiet flimkien iddecidew illi jibdew jibghatu lil A dan l-isport regolarment u dan ghaliex originarjament qed jibghatuha lezzjonijiet regolari tal-ghawm u l-coach ra potenzjal fiha. Naturalment la tmur u kellha potenzjali, it-tnejn hassew li ghandhom jinkoraggixxuha biex tkompli illum li avvanzat hafna u l-coaches ta madwarha jibqghu jarawha

tipprometti, l-esponenti taghmel hafna sara biex tiffinanzja l-ghawm ta' A u dan bl-ghajnuna tal-genituri u tal-familjari taghha jidhrilha li genitur tajjeb jaghmel stante li A jaf 'l quddiem ikollha karriera professjonali mill-ghawm, Fir-rigward ta' Y, l-attur hallas biss il-mizata annwali ta' xi mija u hamsa u sebghin Ewro (€175) fis-sena ghall basketball stante li affarijiet ohra kollha relatati bhal kit, li tinbidel kull sena ghaliex it-tifel dejjem jikber, li tiswa' kwazi l-ekwivalenti mizata, thallas dejjem l-esponenti. Il-verita' hi li l-attur qatt ma juri interess f'uliedu u jarahom javvanzaw ghalhekk huwa lest li jaghmel *the bare minimum*, maghhom, specjalment in vista tal-fatti ghandu mara ohra u qed irabbi t-tfal taghha minflok tieghu.

16. Illi, kuntrarjament ghall-istampa pinguta mill-attur l-istess attur la qatt ma kien bullied u ikkritikat mill-esponenti anzi l-esponenti minkejja li dejjem hasset in-nuqqas li qed jigu mill-attur stess permezz ta' dan ir-rikors qatt ma affaccjatu bihom la meta kienu wehidhom u lanqas quddiem it-tfal. Certament li l-attur ma kellux jitlaq mid-dar minhabba abbuzi da parti tal-esponenti u certament ukoll li l-esponeti qatt ma uzat forza fizika fuq l-attur, ir-realta' hi kellu jitlaq mid-dar u jmur ghand il-genituri tieghu ghaliex l-esponenti keccietu u dan wara diversi messaggi fil-mobile tieghu fejn indunat li kellu relazzjoni extra-martimonjali ma' mara ossia ma' BP , kollega tax-xoghol tieghu, liema relazzjoni jidher li kienet ilha ghaddeja ghal diversi snin. Meta affacjatu b'dawn il-messaggi huwa inghalaq gewwa kamra fid-dar ma jkellimix lill-esponenti u sussegwentament telaq mid-dar. Dan kollu ser jigi pruvat ampjament quddiem fil-mori tal-kawza.

17. Illi stante l-mod ta' kif u r-raguni l-ghaliex l-attur ghazel li jitlaq mid-dar, ma sar l-ebda ftehim fuq manteniment ghal-minuri izda l-esponenti

tikkonferma li fil-maggior parti hija l-esponenti u l-genituri taghha illi jghajjxu lill-minuri u jhallsulhom ghall-affarijiet li kienu jehtiegu.

18. Illi l-attur jinsisti li jkompli jharref meta jghid li kien bezghan li johrog mid-dar tal-genituri tieghu wara li telaq mid-dar matrimonjali meta dakinhar stess li ddecieda li jirraporta lill-esponenti mal-Pulizija ghal stalking b'dan li qaghdet tinkwieta missier l-attur huwa siefer mal-band u dan kif ser jigi muri fil-kawza, irid jinghad illi l-esponeti tinsab certa li l-attur gideb lill-genituri tieghu ghar-rigward ta dak li huwa ghamel u ghalhekk il-misssier dehrlu li kien hemm stalking mentri fil-verita' ma kien hemm xejn minn dan da parti tal-esponenti Ghar rigward tal-*parental alienation* huwa l-attur stess li qed johloq dan l-istat ta fatt stante li ma jigix ghat-tfal. Kif diga spjegajt il-minuri A li illum ghandha sbatax-il sena (17) ghandha diffikulta' kbira tara lil msisierha qed irabbi tfal ta' haddiehor u ma jridx lilha u ghalhekk m'ghandiex thossha komda ma' missierha. L-attur da parti tieghu, mhu qed jaghmel xejn biex ittejjeb din is-sitwazzjoni jew biex jersaq qrib bintu-sahansitra baqa' jinjora r-rakkomandazzjonijiet tal-medjatrici sabiex jiehu l-inizjattiva bhala missier li verament ghandu ghal qalbu l-ahjar interess ta ulliedu, u jibda jattendi counselling sessions flimkiem ma' bintu A sabiex jittentaw li jtejbu r-relazzjoni taghhom - minflok l-attur ghazel li jkompli jinjora lill-bintu u li jkompli jitfa' ritratti ma' BP taghhom flimkien, u tieghu mat tfal taghha fuq Facebook, u dan anke meta diga' esplicitament gie mitlub mill-avukati tal-esponenti sabiex jieqaf jaghmel dan minhabba l-hsara psikologika li qieghed jikkrea lill-uliedu li ghandhom access ghal dawn ir-ritratti.

19. Illi l-esponenti ppruvat tlett darbiet terga' taghti cans l-attur illi jirrimedja ghemilu u jigi lura d-dar u dan ghamlu fl-ahjar interess tal-ulied izda li gara

kien illi l-attur kien jerga' jibda jkellem lill-esponenti ghaliex ikollu bzonn xi firem minghandha u wara li jkun ha li jrid jerga jisparixxi.

20. Illi ghal darba ohra mhux minnu dak li qed jinghad mill-attur fir-rikors promotur u ma sar l-ebda sforz minn naha tal-istess attur sabiex jintlahaq ftehim amikevoli bejn il-kontendenti . Ghaldaqstant kellhu jinfethu proceduri kontenzjuzi sforz il-pika zejda tal-attur u l-fatt li jippretendi hafna aktar minn dak li jmissu in vista tac-cirkistanzi li holoq hu biss.

21. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kollha kontra l-attur li minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Semghet il-provi.

Rat is-sottomissjonijiet bil-miktub tal-partijiet.

**IKKUNSIDRAT:**

**<u>Fatti</u>**

L-attur ighid li kien iltaqa' l-konvenuta meta kienu jattendu l-istess Sixth Form. Ghalkemm huwa bniedem rizervat, kwiet u introvert, il-konvenuta kienet iktar tip socjevoli, li kellha hafna hbieb, pero' minkejja dawn id-differenzi fil-karattri taghhom izzewwgu f'Gunju, 2001.

Ighid li mill-bidu riedu t-tfal u fil-fatt sena wara li zzewwgu kellhom lil A u ghalhekk ma tantx ghamlu hin wahedhom. Meta l-konvenuta kienet harget tqila kienet toqghod id-dar u tipprepara ghat-tqala. Kien f'dan il-perjodu li kien beda jkollha l-*mood swings* u kien jahseb li dan kien minhabba t-tqala, izda tul il-hmistax-il sena zwieg dejjem komplew jizdiedu ghaliex kienet dejjem mohhha fin-nies u xejn ma kien jikkuntentaha.

Jispjega li meta twieldet it-tifla A, iktar hass li l-konvenuta kienet bdiet taghtih il-genb u kien speci accessorju fiz-zwieg. Lanqas kienet tikkalkula l-opinjoni tieghu bhala genitur u ghalhekk billi ma kienx bniedem polemikuz kien accetta s-sitwazzjoni. Ghalih il-konvenuta kienet tghid li ma kienx utili ghall-familja u ma kellu xejn x'joffrilhom ghax kien jahdem go fabbrika  u kienet tibda tghajjru jekk kien jaghmel xi haga li ma kinitx taqbel maghha.

Ighid ukoll li l-konvenuta riedet tfal ohra mill-ewwel, izda  ma kienx kuntent b'dan peress li finanzjarjament kienu batuti. Fil-fatt ighid li kienu jghixu f'post misluf minghand missier il-konvenuta. Kienet tiddependi hafna fuqhom finanzjarjament ghaliex kienet tifla wahedha, izda kienet wisq tippretendi minghandhom u specjalment ommha kienet tipprova tikkuntentaha malli tfaqqa' subghajha.

Jishaq li kienet titrattah bhala l-pupazz taghha jew seftur u minkejja li ma kienx jiftah qalbu kien ihoss hafna. Kienet tippretendi li jzomm certu standards meta dawn ma kinux fin-natura tieghu.

Fis-sena 2007 kellhom it-tifel Y u ghalkemm finanzjarjament kienu ghadhom fl-istess fazi, lanqas hu ma xtaq jistenna hafna biex ikollhom it-tfal. Pero' z-zwieg taghhom baqa' ma kienx wiehed normali u l-konvenuta, minn wara t-twelid ta' A u Y kienet baqghet tohrog mal-hbieb. Ma tantx kienu johorgu bhala koppja u anke

r-relazzjonijiet intimi kienu ftit u hafna drabi kien jiehu l-inizjattiva hu. Il-konvenuta dejjem kienet issib skuza li ma thossix komda u sikura fl-apparenza taghha u kienet kontinwament taghmel yo-yo dieting. Imbaghad in kontro-ezami jghid li dan kien xi darba kull tlett xhur mal-kugini u xi ikla darba fil ma' tax-xoghol.

Dwar li kien imur idoqq mal-band ighid li kien rega' beda wara li bdew jikbru t-tfal ghax kien waqaf ghal xi seba' snin.

Iz-zwieg taghhom kien ha daqqa 'l isfel meta sab messagg fuq il-mobile tal-konvenuta minghand certu SM li kien habib taghha. Il-messagg kien b'certu kunfidenza zejda, izda l-konvenuta kienet warrbitu qisu messagg ta' cajt. Ighid li ghalkemm ma kien rega' semma xejn xorta baqa' jhewwden fuqu.

Jilmenta li l-konvenuta kienet tirridikola l-impjieg tieghu u meta bdiet tiehu lit-tifla ghal-lezzjonijiet tal-ghawm in-Neptunes, kienet bdiet taghmilha mal-genituri hemmhekk u ma kinitx trid li l-attur isemmi li jahdem go fabbrika peress li ghaliha kien degradanti.

Jilmenta ukoll li l-konvenuta qatt ma kienet thobb issajjar u lanqas taghmel faccendi u peress li kien jemmen li l-faccendi tad-dar seta' jinqassam kien imidd idejh ghal kollox. Kien jaghmel dan ix-xoghol wara li jkun wassal lit-tifla ghall-attivitajiet extra-kurrikulari. Jinsisti li l-konvenuta ma kellhiex il-prioritajiet normali tal-hajja mizzewwga u dan peress li lanqas ma kienet taghmel sforz biex jieklu flimkien bhala familja. Kulhadd kien jiekol ghar-rasu.

L-attur ikompli jispjega li kien heggeg lill-konvenuta sabiex tkompli tistudja sabiex issir ghalliema, ghax meta telqet mis-Sixth Form mill-ewwel bdiet tahdem. Kien ghalhekk li kien ghenha bit-tfal u rranga l-hinijiet tax-xoghol sabiex ikun

mat-tfal u l-konvenuta setghet tkompli bl-istudji taghha. Pero' jzid ighid li l-konvenuta qatt ma rrikonoxxiet dina l-ghajnuna u support.

Il-konvenuta ukoll tant kienet turi disrispett lejh u tirridikolah u kwazi tibbulijah li lanqas it-tfal illum ma jurih rispett u jcemplulu biss biex jitolbuh ghall-flus. Kien tuza' s-sistema ta' "belittleing" u tghid lit-tifla A  biex issib lil xi hadd tal-flus mhux bhalu.

Jispjega kif il-konvenuta kienet ossessjonata u ffissata bit-tifla u kienet tippretendi li ghandha tkun ahjar minn haddiehor u kienet tispicca tghajjarha u tiggieled maghha, tant li kien spicca jsegwi t-time trials tat-tifla wahdu u jipprova jinkoraggiha u jipprova jtaffi mill-hsara li kienet qed tikkaguna l-konvenuta.

L-attur jinsisti li l-konvenuta kienet marret ghall-estrem l-iehor mat-tifla peress li kienet tibghatha ghall-numru ezagerat ta' attivitajiet extra-kurrikulari u apparti li dawn kienu jqumu hafna spejjes, kienet tpoggi hafna stress fuq it-tifla ghaliex kienet tridha tmur tajjeb, wara gurnata skola kienet tkun ghajjiena u anke kienet tirritorna lura d-dar tard u kien ghad trid tibda l-homework.

Jammetti li kien jinstab inkwietat ghat-tifla ghaliex kien jara li ma kellhiex *self-esteem.* Apparti li l-konvenuta kienet tizvoga fih u tghajjru li mhux missier tajjeb, kienet tibda tinsulenta lit-tifla li trid tispikka u tistinka hafna iktra fl-ghawm u kien hemm drabi fejn kienu jiggieldu u gieli gew fl-idejn, tant li kien jispicca jaqlaghha hu meta jipprova jiffridhom. Wara wiehed minn dawn l-incidenti t-tifla kienet irrapportat lil ommha u spiccaw intervjenew tal-Social Services.

L-attur isemmi ukoll kif l-konvenuta kienet imfissda u jekk kienet trid xi haga, il-genituri taghha kienu jaghmlu mezz sabiex jikkuntentawha. Hekk kienet bhala missierha, jekk riedet xi haga, kienet tibqa' tibqa' sakemm tehodha bhal meta

ddecidiet li ma riditx tibqa' tghix M'Skala fil-maisonette li kienu tawhom il-genituri taghha, izda riedet tmur tghix fil-vicinanzi ta' Sliema jew San Giljan u dan peress li t-tifla kienet tattendi l-ghawm in-Neptunes.

L-attur jammetti li l-finanzi taghhom ma kienux jippermettu li jixtru xi appartament kbir u f'zona popolari. Inoltre, kienu ghadhom kemm lestew il-fond fejn kienu jghixu u fl-erbatax-il sena li damu jghixu hemmhekk kienu ghamlu hafna *embellishments,* tant li kienu ghollew il-valur b'mod konsiderevoli.

Izid ighid li kienu hadu loan ta' Lm 13,000 biex itellghu sular iehor u washroom. Dan ghamluh u kien hallas il-loan wahdu.[1] Kien anke ghamel hafna xoghol f'dan il-fond u ghalhekk hass li kienet zejda li jmorru jghixu x'imkien iehor.

Spiccaw li l-konvenuta rat post f'Pender Gardens u riditu bis-sewwa jew bid-dnewwa, tant li kellhom imorru oltre l-budget taghhom u spiccaw issellfu Lm15,000 minghand il-genituri tieghu, kif ukoll il-genituri tal-konvenuta kienu tawhom Lm15, 000. Il-post kienu spiccaw xtrawh ghall-prezz ta' €310, 000 u ghalhekk kellhom ukoll jiehdu loan ta' €142.500 u dan kien ftit iktar mid-doppju tal-budget li kellhom peress li kellhom bzonn il-flus ghall-f*inishes* u ghall-ghamara.

In kontro-ezami jghid li kienet decizjoni kongunta li jmorru jghixu Pender Gardens peress li hafna mill-attivitajiet tat-tifla kienu kkoncentrati f'din iz-zona u anke l-genituri tal-konvenuta kienu marru jghixu San Giljan.

[1] ANNEX 1 mal-affidavit tal-attur

Bhala konsegwenza li marru jghixu Pender Gardens, il-problemi zdiedu izjed ghaliex a differenza tal-post ta' M'Skala kellhom l-ispejjes tal-condominium u kellhom ihallsu c-cens ukoll.

Dwar il-vjaggi tieghu mal-band, in kontro-ezami jghid li ma kienx jonfoq hafna flus peress li s-safra kienet sponsorizzata mill-Malta Art Council Fund u l-*lodging* kien ikun imhallas mill-*organiser.*

Kien beda jhossu bhala strangier gewwa d-dar tieghu stess. Kienu jigu l-familjari taghha u anke hbieb, ghax dejjem kien ikun hemm xi hadd id-dar, izda qatt ma kienet stiednet lill-genituri tieghu.

Kien spicca b'hafna dwejjaq minhabba dawn ic-cirkostanzi li nholqu, tant li beda jiftah qalbu ma' kollega u kienu jibghatu messaggi lil xulxin, pero' jghid li ma kellux jahbi u kien ihalli l-mobile jigri. Darba l-konvenuta kienet sabet wiehed mill-messaggi u ddecidiet li kien ikkommetta adulterju u keccietu mid-dar u mar ighix mal-genituri tieghu. L-attur jinnega li kien ikkommetta adulterju. Dan kien ghall-habta ta' Novembru, 2016.

L-attur jammetti li minn mindu telaq mid-dar ihoss li l-abbuz u t-tghajjir spicca, pero' l-ferita psikologika li hu mhu tajjeb ghalxejn u li ma kienx kapaci kienet baqghet tittormentah. Ghalih iz-zwieg kien trawmatiku u meta kien jispicca x-xoghol jammetti li ma kienx ikun herqan sabiex jirritorna lura d-dar ghal dak it-tghajjir.

Kienu baqghu ukoll il-problemi finanzjarji u l-attur jammetti li ma setax ilahhaq l-ispejjes li kien hemm tal-loan fuq il-post ta' Pender gardens u lanqas l-ispejjes tal-manutenzjoni. Il-konvenuta kienet harget bl-ideja li jmur jahdem part-time u hekk ghamel wara missierha sablu impjieg bhala kaxxier f'supermarket.

Izda l-attur ighid li spicca jmur minn xoghol ghall-iehor u lanqas beda jgawdi lil uliedu, tant li spicca kellu jnehhi dan l-impjieg u anke minhabba sahhtu ghax kien ighija hafna. Waqaf mix-xoghol f' Settembru, 2018.

Anke jekk kemm il-darba l-attur kien telaq xorta baqa' jhallas il-kontijiet li kien hemm, ghax il-konvenuta ma kienet thallas xejn, spicca li kellu jerga' jfittex impjieg iehor part-time. Kienet anke igieghel lill-genituri taghha jhallsu xi spejjes tat-tfal biex tlahhaq u taghmel dak li kienet tohlom bih. Kienet anke bieghet c-crieket tat-tieg biex thallas xi kontijiet.[2]

Ighid li l-bullijar tal-konvenuta kien wassal sabiex kellu problemi psikologici u kien ikollu f*lashbacks* ta' x'kien jigri billi jghid li l-konvenuta kienet anke tibghat lin-nies biex isegwuh u spicca l-hin kollu jhares fil-mera tal-karozza.

Dan l-ahhar sar jaf li l-konvenuta kienet kriet wahda mill-kmamar bl-ensuite bhala AirBnb[3] u kien spicca qed ihallas il-kontijiet tad-dawl u ilma u kienu jitilghu m'ghola smewwiet ghaliex l-konvenuta kienet thalli d-dawl mixghul il-gurnata kollha.[4]

Dwar GB ghalkemm il-konvenuta tghid li kienet ilha tafu, ighid li kemm dam maghha mis-sena 1999, qatt ma kien iltaqghu mieghu u lanqas qatt ma jiftakar li kien gie ghandhom fl-appartament ta' Pender Gardens.

Dwar il-kirja tal-kamra tas-sodda matrimonjali jghid li qatt ma kien jaf dwarha u sar konsapevoli biss wara li t-tifel Y kien tkellem mal-genituri tieghu.

Dwar ir-relazzjoni mat-tfal ighid li kien hemm perjodu fejn kien irrassenjat li ma jibghatx iktar messaggi peress li gieli kienu jirrispondu u gieli le u anke kienu

[2] Annex 2
[3] Annex 3
[4] Annex 4A, 4B u 4C

mghawwijin minn ommhom, izda wara li miet missieru u t-tfal attendew ghall-funeral, minn hawn regghet issokktat ir-relazzjoni ta' bejniethom u mixjin sew hafna. Ftit qabel meta kien baghat jinfurmahom li missieru ma kienx tajjeb ma kinux irrispondewh u ma rawhx qabel ma miet, izda ftit wara t-tifla Andria kienet bdiet tibghatlu messaggi.

**Il-konvenuta** tispjega li l-problemi mal-attur bdew ghall-habta tas-sena 2015, meta kienu marru joqoghdu fl-appartment ta' PenderGardens u dan ghaliex l-attur kellu relazzjoni extra-maritali ma' certu BP . L-ghada li t-tifla A kienet urietha c-chats ta' missierha kienet talbitu jitlaq mid-dar matrimonjali. Ilhom ighixu sseparati sa mit-12 ta' Novembru, 2017.

Tispjega li l-partijiet bdew johorgu flimkien ghall-habta tas-sena 1999. Ghalkemm dak iz-zmien, il-konvenut kien diga' ggradwa ma kienx ghadu jahdem u ma kellux impjieg fiss, Kien joqghod id-dar jilghab bil-playstation u xi kultant imur ghall-interview tax-xoghol. Tispjega li ghalkemm kien iggradwa fil-History of Art and Archaeology qatt ma hadem f'dan il-qasam u kien spicca jahdem bhala glassblower, xoghol li kien sablu z-ziju tieghu AF fejn kien imexxi l-fabbrika Prominent Fluid Controls.

Tikkonferma li kienu zzewwgu fit-30 ta' Gunju, 2001 u missieriha kien offrilhom il-post tal-villeggjatura li kellhom Marsaskala u kien anke sellifhom il-flus sabiex tellghu sular iehor u washroom.

Izzid tghid li dak iz-zmien kienet tahdem bhala ghalliema, xoghol li kienet ghadu taghmlu sallum u kienet anke ghamlet zmien tahdem part-time bhala receptionist go klinika tal-acupuncture. Fis-sajf kienet gieli tahdem bhala co-ordinator ta' skola sajf.

Tistqarr li ma kinitx indunat li l-attur ma kienx ambizzjuz u jipprova jahdem mill-inqas u kienet tiskuzah hafna. Tghid li kienet tinkoraggih sabiex jipprova jaghmel kors relatat max-xoghol li kien qed jaghmel ghax bezghat li seta' jkollu problema sabiex isib xoghol jekk fil-kaz il-fabbrika kienet taghlaq.

Tispjega li wara z-zwieg u anke wara li kellhom it-tfal xorta baqghet tahdem u dan setghet taghmlu peress missierha kien dejjem ighinha bit-tfal, filwaqt li omm l-attur ghamlitilha cara li ma kinux disposti jghinuha bit-tfal u kien zmien fejn riedu jgawdu l-hajja taghhom.

Il-konvenuta tammetti li bdiet tinduna li l-attur kien ghadu mmatur, izda dejjem kienet toqghod kwieta. Filghaxijiet minflok jipprova jibbondja mat-tfal kien imur jorqod u meta kienet marret lura d-dar wara li welldet lil A  kien mar jixtri zewg loghobiet tal-Playstation biex jilghab bihom. Ghalkemm l-attur ma kienx jerfa' r-responsabbilitajiet ta' missier ma kinitx tilmenta u lil ommha kienet tghidilha ahjar R immatur milli jkollha ragel li jigri man-nisa.

Tishaq li l-attur ma kienx bniedem li jaf jiehu decizjoni, ghajr ghal xi affarijiet li kienu jikkoncernaw lilu. Kien xtara Mini cooper minghajr ma ha parir taghha u kien anke ghazzien, tant li kien beda jahdem ta' MRP Controller fl-istess fabbrika u kien jahdem bejn l-5.30 am sas-1.30 pm.

Meta kien ikun id-dar kmieni, l-unika haga li kien jaghmel kien il-hasil ta' hwejjeg u gieli jixtri xi ikel. Kienet tiehu hsieb it-tfal u l-faccendi. Tikkonferma li l-attur kien ihallas il-kontijiet tad-dawl u ilma, il-bqija kienet tiehu hsieb kollox hi u fejn ma setghetx tlahhaq kienet titlob lill-genituri taghha.

Issemmi li l-attur kien jifforma parti minn band BlindSaviour, imbaghad kellu band ohra jisimha Angelcrypt. Kien jixtri strumenti relatati ma' dan il-band li

kienu jqumu l-flus. Kienu jsiefru ukoll biex idoqqu u kienu jikru ukoll garaxx B'Kara. Kien jiltaqa' maghhom tlett darbiet fil-gimgha bejn it-8 pm sal-23 hrs u anke s-Sibt wara nofsinhar. Wara li kellhom it-tfal tghid li ma riditx izzomm it-tfal mal-genituri taghha meta kienu jkunu ghandhom gimgha shiha u ghalkemm dejjem kienet tissapportjah ma setghetx tkompli tattendi l-bars fil-weekend bit-tfal biex tisimghu jdoqq.

Titkellem fuq it-tifla A u kif kienet bdiet tippratika l-ghawm u s-synchronised swimming. It-tifla kienet tipprometti u fil-fatt spiccat fit-tim nazzjonali kemm tal-ghawm, kif ukoll ta' dak synchronised. Tghid li ma hassitx li kellha taghzel liema sport kellha twaqqaf it-tifla u halliet f'idejha. Sadanittant kienet tahdem hafna sabiex thallsilha dawn l-ispejjes u kienu jghinuha l-genituri taghha. L-attur kien hallas biss sentejn basketball ta' Y b'kollox €350.

Issemmi ukoll li minhabba hafna mill-attivitajiet sportivi tat-tfal u l-iskejjel li kienu jattendu kien fil-vicinanzi ta' San Giljan, il-genituri taghha ddecidew li jmorru jghixu San Giljan u dak iz-zmien huma ukoll bdew ihossu l-bzonn li jinzlu f'lokalita' iktar centrali u kien dan li wassalhom jixtru l-appartament ta' Pendergardens ghall-valur ta' €310,000 li kien fil-budget taghhom. Uzaw il-flus li gabu mill-bejgh tad-dar ta' Marsaskala u cioe' s-somma ta' €200,000 u l-attur kien weighed li ser ihallas il-home loan li kienu hadu biex ihallsu l-bilanc u dan kien jammonta ghall-€145, 000.

Kienu hadu loan ta' €10,000 biex ikopru xogholijiet ta' finishings li kienet qed thallas hi. Tikkonferma ukoll li ommha kienet tatha €20,000 biex xtrat car space u kienet ukoll hallsitilha ghall-fittings tad-dawl, xi ghamara u s-soft furnishings.[5]

[5] Dok. CHA 1

Sakemm lestew ix-xogholijiet tal-post kienu marru jghixu mal-genituri taghha ghal xi tmien xhur.

Sabiex ihallas sehemhu mil-loan l-attur ried jahdem part-time pero' ma setax isib xoghol, sakemm missierha sablu xoghol bhala kaxxier gewwa supermarket, pero' kien qala' warning peress li kien ikun hafna fuq il-mobile u kien anke inqabad jisraq, izda ma ttiehdux passi kontrih peress li missierha kien kellem is-sid.

**Adulterju**

Dwar l-adulterju, il-konvenuta tghid li t-tifla kienet ilha tigbdilha l-attenzjoni li l-attur kien il-hin kollu jibghat messsaggi lil wahda mara, izda ma tantx kienet tati kaz ghall-bidu, izda maz-zmien bdew gejjin is-suspetti, l-iktar wara li kienet siefret ftit wara li marru jghixu Pendergardens u kienet talbet lill-attur sabiex iraqqad lit-tfal id-dar u mhux ghand il-genituri taghha, izda injoraha u raqqadhom hemm fil-weekend u ghalhekk kien wahdu.

Meta kkonfrontatu fuq dan kien waqaf ikellimha u kienu anke bdew jorqdu separatament. Beda johrog iktar spiss u kien jibqa' x-xoghol tard. Kien jiddejjaq jekk xi wiehed minnhom kienu jmissu l-mobile u kien jiddejjaq jekk A kienet iggib xi hbieb id-dar u kien toqghod hdejh fil-kamra tas-sodda biex thallilhom l-ispazju.

Kien anke ikessah zewg drinks u jehodhom mieghu x-xoghol u alla jhares minn kien imisshomlu.

Meta kienet terga' tipprova tikkonfrontah kien ighidilha li kienu kollha fantaziji taghha.

Kollox hareg fil-berah meta fl-10 ta' Novembru, 2016, l-attur kien halla l-mobile tieghu jiccargja ghall-updates u t-tifla A sejjhet lil ommha sabiex turiha l-

messaggi li kien qed jibghat l-attur lil BP , li kien isejjhilha Frawla Blu u kien jidher li r-relazzjoni kienet ilha ghaddejja minn 2011 ghax kienet sabet chats fl-archived folder tal-account tieghu. Kienet ikkonfrontatu u l-ghada keccietu mid-dar u mar ghand il-genituri tieghu, izda ma tahsbix li kien qallhom il-verita'.

Tkompli tghid li l-attur kien ammetta maghha li kien infidil lejha, izda kien zbalja u ried li jirrangaw. Kien ghalhekk li kienu marru counselling Ta' Kana u minn dakinhar kien iwahhal fl-ghawm ta' A bhala l-kagun tat-tifrik taz-zwieg ghax kien ikollha spiss, filwaqt li l-counsellors kienet gibditlu l-attenzjoni li hu kien imur wisq mal-bands ukoll.

Il-konvenuta tghid ma kienx qed juri serjeta' biex jirranga s-sitwazzjoni u xorta baqa' jibghat messaggi.

Wara li telaq mid-dar, l-attur ma nbiddilx u kien isiefer minflok jattendi ghall-attivitajiet tal-iskola. Lanqas attenda ghall-gradwazzjoni ta' A mill-Iskola Nazzjonali tal-Isport.

Kien ghamel kuntatt biss sakemm iffirmatlu l-karti li kellu bzonn sabiex jixtri karozza gdida u dan kien ghall-habta tas-sena 2018. Imbaghad ma semghet xejn minghandu u lanqas it-tfal, anke jekk it-tifla A kienet ghamlet kuntatt dirett mieghu wara li kienet marret ghat-terapija ghand Dr.Malcolm Tortell.

Illum tghid li saret taf li kien qieghed f'relazzjoni ma' certu K C li hija infermiera u dan wara li kkkonfermalha s-sid ta' bar li kien jiffrekwenta l-attur.[6]

Dawn ic-cirkostanzi wasslu sabiex ihallu impatt fuq sahhet il-konvenuta li bdiet thossha depressa u ma kinitx tkun trid tohrog u anke kellha problem fuq ix-xoghol ghax kienet tinfaqa' tibki. Kellha tiftah qalbha mas-service manager taghha Mrs.

[6] Dok. CHA 4

G. Hafna mill-hbieb u kollegi kienu qed jiehdu ghalihom ghaliex ma kinitx qed tohrog maghhom, izda wara spjegatilhom.

Tammetti li damet sa April 2019 tikkumbatti d-depressjoni.

L-istess impatt kienet batietu t-tifla A ghaliex kienet ghaddiet minn trawma shiha anke meta sfaccatament kemm l-attur, kif ukoll il-partner tieghu BP kienu jtellghu ritratti fuq Facebook flimkien ma' uliedha u dan kien iweggaghha, Kienu talbuh biex jieqaf, izda kien injorahom. Ghalhekk il-konvenuta kienet iddecidiet li t-terapija kellha bzonnha t-tifla ghax ma kinitx taffordja li thallas ghat-tnejn u A ilha minn 2018 tara lil Dr. Malcolm Tortell. Il-mara ta' hu l-attur, M qaltilha ukoll li kienet rat lill-attur ma' BP fil-birthday taghha u cioe' fil-5 ta' Awissu, 2018.[7]

Jirrizulta ukoll dan l-ahhar li anke Y qed ikollu problemi u ghandu bzonn it-terapija.

Dwar in-nanniet paterni tghid li dawn ma tantx juru empatija u hlief meta t-tfal imorru ghandhom ma jaghmlux tentattiv sabiex jaghmlu kuntatt maghhom sadanittant.

**<u>Komunjoni tal-akkwisti</u>**

L-ewwel dar matrimonjali kienet ta' missierha u kienu bieghuha u kienu zammew il-flus sabiex xtraw il-post ta' Pendergardens. Din il-proprjeta' llum tiswa' bejn €500,000 – €550,000[8]. Tghid li ommha kienet hallsitha l-flus ghall-car space. Il-

[7] Dok. CHA 8
[8] Dok. CHA 7

loan fuq id-dar ta' Pendergardens kellu jibqa' jhallsu l-attur, filwaqt li hi kellha thallas l-loan fuq il-home improvements li qiedgha taghmel.

In kontro-ezami, il-konvenuta tinnega li ghandha relazzjoni ma' GB u kien biss habib li kienet ilha tafu minn mindu kellu xi 15-il sena u llum ghandu 28.

Dwar l-introjtu taghha tghid li huwa ta' circa €1,900 u jekk ikun hemm xi bonus gieli jeccedi l-€2,000 fix-xahar.

Tammetti li kien hemm kontijiet pendenti mal-ARMS ghax dejjem tkun broke, pero' c-cens u l-car space kienu jithallsu fil-hin. Dwar il-maintenance tal-komun kien hemm arrretrati li kienu jammontaw ghal €3000 u tghid li kienet ser tirranga ghall-hlas taghhom.

Tammetti li kellha B&B fid-dar u l-attur kien jaf, anzi darba kien ha hsieb problema li kien hemm fid-dawl. Tghid li kienet damet biss bil-B&B sena biss u l-flus kienu jidhlu fil-kont taghha tal-HSBC permezz tal-Paypal.

Dwar l-ispejjez tat-tifla tghid minn meta elenkathom fl-affidavit taghha kien jirrizulta li kienu waqqfu l-ispejjes tal-personal training, tal-Pilates ukoll. Kien hemm bzonn ta' shots tal-white blood cells f'saqajha u dawn jammontaw ghal xi €400 kull intervent li ma kinux regolari fix-xahar u tikkonferma li missierha kien hallas xi €600 taghhom.

Tghid li ma tlahhaqx ghax mill-paga taghha thallas l-ispejjez kollha hi.

**Kura u Kustodja**

Malcolm Tortell  jikkonferma li huwa warranted psychotherapist u ilu jahdem minn 2001 u l-minuri A kienet marret tkellmu xi sitt snin ilu biex titkellem mieghu fuq xi affarijiet li kienet ghaddejja minnhom.

Ighid li marret tkellmu l-iktar minhabba li r-relazzjoni ma' missierha ma kinitx wahda tajba. Kienet qaltlu li meta tiltaqa' mieghu thoss li ma tantx kien jaghti kasha u kien iktar mohhu biex jibghat il-messaggi lin-nies u anke lin-nisa. Dan wassal sabiex ikollha ansjeta' u *panic attacks* bhala rizultat, tant li dawn bdew jimpeduha milli taghmel l-isport tal-ghawm. Il-fatt li ma kellhiex relazzjoni *open* ma' missierha kien beda jaffettwaha fir-relazzjonijiet taghha. Ghalhekk kien hemm problemi li dawn ic-cirkostanzi kienu qed iwasslu sabiex jaffettwalha l-izvilupp emozzjonali taghha,

Kienet thossha *rejected* minn missierha u riedet tkun taf x'setghet taghmel sabiex forsi tasal tibni relazzjoni ma' missierha.

Kienet ammettiet mieghu li wara l-access, iktar kienet thossha anzjusa u rrabbjata.

Ghal hames snin ighid li kienu jaghmlu s*essions* regolari, imbaghad kienu saru *intermittent*, jigifieri kull xahar jew kull xahrejn. Bhala zvilupp ighid li A kienet reggghet bdiet tghum, izda mhux fuq livell kompettitiv.

Dwar ir-relazzjoni mal-attur ighid li ma tantx kien hemm zvilupp, fis-sens li ma tantx toqghod isaqsi domandi lil missierha u minflok toqghod kwieta.

Jikkonferma li ma kienx tkellem mal-attur u qghad biss fuq dak li qaltlu l-minuri. Lanqas ma kien kellem lil huha. Lill-konvenuta kien kellimha ftit qabel ma bdew is-sessjonjiiet, kif normalment jaghmel meta jkun hemm il-minuri sabiex jiehu spunt tas-sitwazzjoni. Ighid ukoll li A  kienet kellmitu dwar ir-relazzjoni mal-konvenuta u li gieli kellhom xi jghidu, izda ma kienx hemm xejn inkwietanti u hafna drabi kienu jiggieldu minhabba li kienet tkun imdejjqa minhabba missierha,

Izid ighid li ma kienx jaf li llum it-tifla skuzat ruhha ma' missierha u qed jiltaqghu regolarment.

**Manteniment**

L-attur jikkonferma li qed ihallas manteniment ghall-minuri fis-somma ta' €750 fix-xahar u dan huwa nofs is-salarju tieghu u peress kien jaf li ser ikollu l-ispejjes kien rega' beda jahdem part-time ukoll, f'April, 2019 wara li kien waqaf f'Settembru 2018.

Jelenka l-ispejjes li ghandu li b'kollox, flimkien mal-manteniment iwasslu ghat-total ta' €1,731. [9]

**Self tal-Bank**

Dwar is-self fuq l-appartament ta' Pendergardens, l-attur jikkonferma li mis-sena 2015 kien jaghmel ir-repayments hu u l-konvenuta kienet thallas spejjes ohra.

L-ahhar pagament li ghamel kien f'Dicembru, 2019 u minn Jannar 2020 beda jhallas nofs l-ammont u cioe' €330 u kwalsiasi pagament li sar wara dakinhar sar mill-konvenuta u jaf li ghandu jirrifondilha dak l-ammont, pero' prezentement mhux f'posizzjoni li jhallas tali repayments minhabba l-ispejjes kollha li ghandu.

**Dr. Paul Chetcuti Caruana**, bhala tabib kuranti tal-partijiet u l-familja taghhom ighid li minn dejjem kien jikkura lill-partijiet jew lil uliedhom ghall-affarijiet normal bhal deni, izda dan l-ahhar minn mindu l-attur issepara minn mal-konvenuta kien qed ikollu hafna problemi ta' nuqqas ta' rqad, disturbi u ugigh ta'

[9] Fol. 365 tal-process Vol. II

ras ghaliex ikun inkwietat li ma jistax ilahhaq mal-ispejjes tal-hajja, manteniment ecc.

Kien ippreskrivielu xi medicina sabiex jorqod sleeping pills tal-100 mg, izda xorta kellu l-problemi.

Ighid li jirrelata dawn il-problemi kollha mal-fatt li l-attur jinsab inkwietat b'dak li ghadda minnu u ser jibqa' hekk sakemm ikollu *closure.* Kellu hafna inkwiet minhabba l-finanzi u sa kien anke urih il-kontijiet tad-dawl u ilma li kienu gholjin sostanzjalment.

Ighid ukoll li dan l-inkwiet beda xi hames snin ilu u pprezent rapport f'dan is-sens.[10]

Dwar relazzjoni tal-attur ma' mara ohra jghid li kien sema' xi ghajdut biss u anke gie muri xi ritratti pprezentati mal-affidavit tal-attrici jikkonferma li l-attur ghadu jbati minn stress u kien qed jitkellem fuq livell mediku,

**WPC 383 Deborah Mifsud** pulizija stazzjonata l-ghassa tan-Naxxar ikkonfermat li kienet irceviet rapport minghand l-attur.[11]

**Josette Sant,** rapprezernanta tad-Dipartiment tal-Edukazzjoni pprezentat l-FS 3's bejn 2004 sal-2019 tal-konvenuta, hlief dawk tas-snin 2001 sa 2003. Kienet bdiet tahdem maghhom sa mis-sena 1994 bhala *casual teacher*.

**Kv** kugina tal-konvenuta tghid li ghalkemm ma tantx kienet iltaqghet mal-attur, il-ftit li ltaqghet mieghu kien hin twil u ta' kwalita' biex setghet tikkonkludi li

[10] Dok. PC 1
[11] Dok. DM 1

kien bniedem *snob* u biered, rizervat u ma kontx taf jekk kienx qieghed jiehdu gost meta kienu jiltaqghu bhala familja. Tghid ukoll li setghet tikkonkludi dan minhabba li rat lill-konvenuta ssoffri emozzjonalment.

Peress li x-xhud tghid li kienet tkun hafna l-pixxina Tal-Qroqq kienet tiltaqa' mal-konvenuta ta' spiss. It-tifla taghhom kien ikollha training darbtejn kuljum u hafna drabi kienet tara lill-konvenuta twassal lil A u mhux l-attur, izda gieli insertatu u anke kienet taf li kien jattendi ghal xi laqghat mal-kowces.

Tispjega ukoll li l-genituri tal-attur kienu bierda ukoll meta kienu jiltaqghu f'xi avveniment tal-familja, ghalkemm dawn l-okkazzjonijjiet kienu ftit.

Tikkonferma ukoll li l-genituri tal-konvenuta kienu jghinuha hafna bit-tfal u anke bil-flus.

**Dr. K DG,** kugina tal-konvenuta tghid li kienet ilha taf il-partijiet, pero' kienet iltaqghet maghhom bhala koppja xi hames darbiet. Tghid li dejjem taf lill-attur bhala persuna biered u bla empatija. Meta kienet tiffrekwenta d-dar taghhom kien isellem u jisparixxi.

Qabel iz-zwieg pero' kienet tarahom close hafna u l-konvenuta kienet tidher kuntenta u wara z-zwieg le. Meta kienu ghadhom tfajliet kienet kriet appartament mal-konvenuta u kienet l-ewwel li saret taf li kienet qed tkellem lill-attur. Tghid ukoll li ghal xi zmien, l-attur kien jiffrekwenta l-appartament, flimkien ma' huh K F , pero' tghid li kienet thoss li R u huh kienu jippruvaw iwaqqugha tac-cajt u ghalhekk kienet qatghet hafna milli toqghod mal-konvenuta, minkejja li ma kienet qaltlilha xejn.

Meta ddecidew li jizzewwgu l-konvenuta kienet talbitha sabiex toqghodilha bridesmaid u ghalkemm it-tieg kien wiehed sabih innutat li l-familja tal-attur

kienu cold hafna u ddistakkaw ruhhom hafna mill-familja taghhom, tant li ma hassitx komda.

Tghid ukoll li kienet tghin lill-konvenuta tistudja ghall-undergraduate PSS u tametti li gieli kienet tinserta lill-attur hemm. Pero' hafna drabi kien ikun ghar-rehearsals tal-band li tieghu kien jifforma parti.

Innutat ukoll li l-konvenuta kienet tahdem u tistinka hafna sabiex ilahhqu mal-hajja u dan meta l-istess attur, ghalkemm gradwat mill-Universita' ma kienx stinka biex jaghmel progress fil-karriera tieghu. Il-konvenuta kienet anke kompliet tistudja ghall-Masters.

Dwar it-tifla A,  kienet tkun ghand in-nanna materna mhux ma' missierha skondha.

Mat-twelid tat-tifel Y,  bdiet tinduna li l-konvenuta kienet tkun iktar ghajjiena u meta kienet issaqsiha jekk kellhiex ghajnuna l-konvenuta qatt ma semmietilha li l-attur imidd idejh id-dar.

Kien jidher car li l-attur ma kienx qed jaqdi dmirijietu bhala missier tal-familja u fil-fatt kellhom tieg tal-familja fit-28 ta' Ottubru, 2012 u ma kienx attenda. Kien persuna assenti hafna fil-hajja tat-tfal, qatt ma wassalhom imkien u lanqas kien juri interess f'dak li kienu jaghmlu. Dan setghet tikkonstatah peress li kienet psikologa.

**CH. V** , kugina tal-konvenuta tghid li trabbew flimkien u l-konvenuta minn dejjem kienet bniedma resiljenti, fuq ruhha u b'karattru sod. Kellhom in komun li t-tnejn kienu jahdmu fil-qasam tal-edukazzjoni u l-konvenuta kienet tas-sapport tat-tfal nieqsa mis-smiegh.

Dwar ir-relazzjoni ta' bejn il-partijiet, tghid li kienu jidhru kuntenti, pero' kienet innutat li l-attur ma tantx kien jattendi ghal xi attivita' tal-familja taghhom, pero' fl-istess hin qisha qatt ma tat wisq kaz.

Tistqarr li l-iktar li bdiet tara d-differenza kien meta l-partijiet kellhom l-ewwel wild Andria. Il-konvenuta dejjem kienet tidher imhabbta, filwaqt li l-attur dejjem kien isib kollox lest.

Meta A  bdiet turi l-interess fl-isport tal-ghawm, kienet dejjem il-konvenuta li kienet tinkoraggiha, twassalha kullimkien ghat-training u taccerta ruhha li t-tifla tattendi l-lezzjonijiet tal-iskola, kif ukoll tal-ghawm. Fl-istess waqt, il-konvenuta kellha tlahhaq max-xoghol, mal-istudji taghha, mad-dar u anke mat-tfal, filwaqt li l-attur kien ikun l-iktar mal-band fejn kien idoqq.

Il-piz finanzjarju u anke fiziku zdied fuq il-konvenuta meta kellhom it-tieni wild Y. It-toqol tat-tfal kien waqa' fuqha kompletament u l-attur dejjem kellu xi skuza sabiex ma jmurx ghat-tfal jew milli jwassalhom x'imkien.

Il-konvenuta kienet ukoll stqarret maghha li l-genituri tal-attur kienu bierda maghha u ma tantx kienet thossha milqugha fil-familja taghhom. Il-genituri taghha minn naha l-ohra kienu jaghmlu minn kollox sabiex jaraw lill-konvenuta u n-neputijiet kunttenti u sabiex ma jarawhomx nieqsa minn xi haga kienu jghinu finanzjarjament.

**A F ,** bint il-partijiet tghid li llum tahdem bhala kowc tal-ghawm u anke tilghab waterpolo. Tispjega fl-okkazzjonijiet li missierha l-attur kien imur jigborha jew jehodha t-training, xi darbtejn fil-gimgha, kienet tinduna li kien il-hin kollu jibghat il-messaggi lil xi tfajla. Tghid li kienet indunat ghaliex meta kienet isaqsih lil min kien qed jibghat, kien iwarrab il-mobile u kien ikun skomdu. Kienet tinduna minhabba r-riflessjoni li kien ikun hemm fil-mera tal-karozza.

Tikkonferma li kienet qalet lil ommha b'dan, izda tishaq li sa dak iz-zmien bejn il-genituri taghha kien jinhass li kien hemm firda, imma ma kienx hemm problemi.

Kien irnexxilha tidhol fil-mobile tieghu darba minnhom meta kien hallih jiccargja u kienet dahlet fl-app mohbi Vibor u kienet indunat li kien hemm frawla blu. Kien hemm ommha dak il-hin u kienet ikkonfrontat lill-attur u minn dakinhar kien qabad u telaq mid-dar.

Tispjega li kien hemm perjodu ta' xhur fejn l-attur m'ghamilx kuntatt maghhom, imbaghad kien beda jibghat xi messaggi 'l hawn u 'l hemm. Darba minnhom kellhom jiltaqghu u kienet qed tibghatlu xi messaggi meta telghu xi images tal-attur jaghmel Facetime lil wahda mara u kienet haditha bil-kbira.

Minn hawn ried jitkellem maghha, izda meta ltaqghu ma kinux tkellmu dwar dan l-incident. Kien anke ried jattendi xi sezzjonijiet maghha ghand it-terapista Michael Tortell, izda qatt ma mar minkejja li kien qalilha li kien ser jikkuntatjah hu stess.

Tghid li kienet donnha saret rutina li jibghat xi messaggi xi kultant, imma anke ghall-Milied ma kien baghtilhom sabiex jiltaqghu. Kienet iddecidiet li ghal zmien ma baghtitx messaggi sabiex jifhem li kienet irrabbjata mieghu, Kien biss wara missier l-attur miet li attendew il-funeral u xi gabra li ghamlet nannithom wara l-mewt tieghu li wassalhom biex regghu bdew relazzjoni.

In kontroe-ezami tikkonferma li kien ikollha xi tghid m'ommha u li huwa minnu li ommha ma kinitx thalliha tiekol ic-cikkulata peress li kienet tiehu sehem fil-kompetizzjonijiet tal-ghawm.

Tghid li llum waqfet mill-ghawm minhabba l-ansjeta' li kienet izvillupat minhabba c-cirkostanzi. Tikkonferma pero' li setghet tkompli tilghab il-waterpolo peress li huwa team sport, izda thoss li ma tistax taghti l-hundred per cert taghha minhabba l-istat mentali taghha.

**VM** , kienet habiba tal-konvenuta u kienet saret tafha meta kienu jiehdu lit-tfal ghal-lezzjonjiet tal-ghawm man-Neptunes Swimming Club. Kienet taf dwar l-intenzjonjiet tal-partijiet li jixtru post iktar vicin in-Neptunes, peress li l-konvenuta kienet taghmel it-tragitt minn Marsaskala darbtejn kuljum biex twassal lit-tifla l-pixxina.

Tispjega kif hi kienet li introduciet lill-partijiet lir-rapprezentant tal-bank sabiex jiehdu l-loan li kellhom bzonn sabiex jixtru l-appartament ta' PenderGardens. Tikkonferma ukoll li l-genituri tal-konvenuta kienu bieghu l-post fejn kienu jghixu l-partijiet f'Marsaskala li kien taghhom sabiex ighinuhom jixtru l-post ta' Pendergardens.

Tispjega ukoll li gieli hi u l-konvenuta siefru mat-tfal sabiex jattendu ghall-kompetizzjonijiet tal-ghawm, izda l-attur qatt m'akkumpanjaha, kif kienu ghamlu l-missirijiet kollha. Fl-okkazzjonijiet li kienet marret hi.

**AH** habiba tal-konvenuta minn tfulithom tghid li dejjem taf lill-konvenuta bhala persuna ferrihija u dhulija u dejjem lesta tghin lil haddiehor u dejjem kienet persuna leali.

Lill-attur kienet tafu bhala persuna rizervata u ma kontx tkun taf fejn qiedgha mieghu.

Tikkonferma li meta l-partijiet kienu ddecidew li jizzewwgu, l-genituri tal-konvenuta kienu offrewlhom id-dar tal-villeggjatura taghhom biex jibdew il-hajja

taghhom. L-attur xtaq jaghmel xi tibdiliet f'dan il-post u peress li ma kienx ilu jahdem, il-konvenuta baqghet taghmel part-time sabiex tkun tista' tfaddal sabiex jaghmlu dawn ix-xogholijiet.

Tishaq li kienet konxja tal-fatt li l-attur kien jispicca mix-xoghol ghall-habta tas-1.30 pm u personalment kienet tahseb li ma kienx jaf iqassam il-hin tieghu, ghax kien iqatta' hafna mill-hin liberu tieghu ddoqq mal-band li tieghu kien jifforma parti. Tametti izda li l-konvenuta qatt ma lmentat maghha li l-attur kien imur jaghmel dawn ir-rehearsals, u generalment kienu jiltaqghu dak il-hin li jkun rehearsals. Kienet tgerger li ma tantx ighin finanzjarjament imma l-passatemp tieghu kien jiswa l-flus. Ikkonfermat ukoll li  l-konvenuta kienet thallas ghall-lezzjonijiet tal-ghawm ta' A, izda fejn ma kinitx tlahhaq kien ihallas missierha.

Kienet rat tibdil fiz-zwieg taghhom wara li kellhom it-tfal, ghaliex filwaqt li l-konvenuta kienet dejjem ghaddejja mat-tfal, l-attur donnu baqa' jghix hajja ta' guvni, tant li l-konvenuta kienet fethet qalbha maghha u kienet tghidilha li xtaqet li l-attur kien iktar prezenti f'hajjet it-tfal. Kienet indunat ukoll li l-konvenuta kienet sejra lura fizikament.

Tikkonferma ukoll li kienet taf dwar l-akkwist tal-proprjeta' ta' Pendergardens sabiex ikunu iktar centrali minhabba l-attivitajiet tat-tfal u li l-partijiet kienu ferhanin hafna. Pero' jirrizulta li wara li marru joqoghdu hemm l-attur tbiddel totalment. Il-konvenuta kienet qaltilha li kienet qed thossu distanti u biered u kien qed iqatta' hafna hin barra mid-dar. Kienet indunat li l-konvenuta ma kinitx baqghet dik il-persuna ferrihija u kienet tkun imdejjqa ghaliex kienet konvinta li xi haga fiz-zwieg taghhom kienet inbidlet. Lanqas ma kienet attendiet ghall-baby shower taghha.

Il-konvenuta kienet l-iktar dispjacuta li l-attur kien jaraha mdejjqa u kien jibqa' indifferenti. Kienet sabet xi messaggi li kien jaqsam ma' mara ohra u meta kkonfrontatu, l-attur ghall-ewwel innega li kien qieghed f'relazzjoni, izda mbaghad ammetta, izda qal li kienet xi haga tal-passat u talabha tahfirlu. Kien ghalhekk li bdew jattendu ghall-*marriage counselling*. Dan tafu ghaliex kienet qaltilha l-konvenuta.

Minkejja t-tentattivi taghha, il-konvenuta kienet tghidilha li ma kinitx konvinta li l-attur kien qed ikun onest maghha u kienet qed thossu distanti. Tispjega li kien hemm xi hbieb taghhom fejn ikkonfrontaw lill-konvenuta sabiex javzawha li kienu raw lill-attur fil-kumpanija ta' mara ohra u hi stess kienet rat lill-attur b'idejh fuq spallejn dina l-istess mara u dan fl-istess waqt li l-partiijet kienu qed jippruvaw isalvaw iz-zwieg taghhom.

**CB** ukoll habiba tal-partijiet kienet saret tafhom mill-pixxina peress li bint il-partijiet u t-tfal taghha kienu jattendew il-lezzjonijiet tal-ghawm flimkien. Tispjega kif hi u l-konvenuta kienu saru hbieb sew u kienu jiffrekwentaw lil xulxin bhala koppja u ghalkemm ma kinitx indunat li kien hemm problemi bejniethom, kienet indunat li l-attur kien bniedem rizervat u ta' ftit kliem.

Peress li kienet tkun hafna mal-konvenuta, setghet tikkonferma li l-konvenuta kienet prezenti hafna fil-hajja tat-tfal. Kienet tattendi ghal kull kompetizzjoni tal-ghawm li kien ikollha t-tifla A, kif ukoll kienet dejjem sejra twassalha u tigborha mill-ghawm.

Kienet taf dwar l-akkwist tal-proprjeta' ta' Pender Gardens u fil-fehma taghha kien l-attur li kien hareg bl-ideja ghax il-konvenuta kienet thobb hafna d-dar ta' Marsaskala.

Ftit wara peress li t-tifla taghha kienet waqqfet l-ghawm, ma tantx kienu qed jiltaqghu regolarment. Kien hemm okkazzjoni fejn ftehmu li jmorru jiehdu kafe' u hemm kienet id-darba li rat differenza kbira fil-konvenuta. Kienet tidher li ghaddejja minn zmien difficli mal-attur u kienet qisha "*literally as if she had been through hell and back.*"

Kienet taf li kien hemm xi problemi bhal li l-konvenuta qatt ma hassitha accettata mill-familja tal-attur u dan tafu ghax kienet fethet qalbha maghha.

Meta ratha f'din is-sitwazzjoni kienet tqatta' hafna hin mal-konvenuta u kienet tkun irrabbjata ghaliex il-konvenuta kienet tkun iddispjacuta li l-attur ma jkunx iltaqa' mat-tfal, izda kien hemm drabi fejn kienet ratu ma' mara bjonda u ghalhekk kienet tkun taf li qed jigdeb lill-konvenuta. Ma kinitx tghidilha sabiex ma zzidilx mal-inkwiet li kellha.

Tikkonferma li l-konvenuta hija omm ezemplari li tiddedika hafna hin ghat-tfal taghha u dejjem tinkoraggihom sabiex jimxu 'l quddiem.

Dwar l-posizzjoni finanzjarja taghhom ma kinitx taf wisq, izda kienet taf li xi kultant il-konvenuta kienet tkun maghfusa.

**Joseph Saliba**, in rapprezentanza ta' Jobsplus ipprezenta l-employment history tal-attur.[12] Ghandu full-time bhala MRP controller u fluid control l-engagement

[12]Dok. JSS1 u JSS2

kien mit-13 ta' Settembru, 2010 u bhala delivery person mill-25 ta' April, 2019 part-time.

Ipprezenta ukoll l-employment history tal-konvenuta, fejn ikkonferma li kienet tirrizulta mpjegata mal-Ministeru tal-Edukazzjoni u Familja bhala ghalliema u l-iehor ta' part-time receptionist mal-Mediterranean Regional Centre, Rahal Gdid.

**Joseph Debono**, in rapprezentanza tal-Ufficcju tal-Kummissarju tat-Taxxi fil-kariga ta' senior principal ipprezenta l-FS 3 's tal-attur tas-snin 2011-2019.[13]

**Conrad Pace,** ghan-nom tal-kumpanija Prominent Fluid Controls Ltd. Ipprezenta hames FS3's tal-attur, kif ukoll il-payslips ta' bejn Jannar sa Mejju, 2021.[14]

**Lorraine Attard** in rapprezentanza ta' HSBC Bank Malta plc. ikkonfermat li mir-ricerka li ghamlet irrizultalha li f'isem l-attur kien hemm is-segwenti kontijiet bankarji:-

i) kont savings[15]
ii) kont current li nghalaq[16]
iii) kont savings iehor li nghalaq[17]
iv) zewg credit cards illum maghluqin[18]

F'isem l-attrici sabet is-segwenti kontijiet bankarji:-

v) kont current li ghadu miftuh[19]

---

[13] Doks. JD 1 – JD 9.2
[14] Dok. CP1 – CP 2
[15] Dok.LAR1
[16] Dok. LAR2
[17] Dok LAR3
[18] Dok LAR 4 U 5
[19] Dok. LAR 6

vi) kont current li llum maghluq[20]

vii) kont savings li llum maghluq[21]

viii) zewg credit cards[22]

ix) loan account li llum maghluq[23]

x) loan mal-Mortgages Department li ghadu miftuh[24]

Ipprezentat ukoll kopja tas-*sanction letter* ta' *loan account* mal-Mortgages Department u fiha hemm indikat l-ipoteki jew garanziji li kellu bzonn il-bank sabiex tinghata dina l-facilita'.[25]

Ipprezentat ukoll update tal-kontijiet bankarji tal-konvenuta minn Jannar 2020 li huma s-segwenti:-

i) current account bin-numru 009120627001[26]

ii) savings account bin-numru 049014715050 li ghadu miftuh[27]

iii) kont ta' credit card li ghadu miftuh[28]

iv) kont ta' credit card li ghadu miftuh[29]

Irrizultaw ukoll kontijiet kongunti tal-partijiet:-

i) loan account bin-numru 009122813300[30]

ii) loan account ma' Mortgages Department[31]

**Joanna Bartolo**, in rapprezentanza tal-Bank of Valletta plc. ikkonfermat li mir-ricerka li ghamlet irrizultawlha s-segwenti kontijiet f'isem l-attur:-

---

[20] Dok. LAR 7
[21] Dok. LAR10
[22] Dok. LAR 11 u 12
[23] Dok. LAR 8
[24] Dok LAR 13
[25] Dok. LAH 1
[26] Dok. HSBC 1
[27] Dok. HSBC 2
[28] Dok. HSBC 3
[29] Dok. HSBC 4
[30] Dok. HSBC 5
[31] Dok. HSBC 6

i) kont savings li ghadu miftuh [32]

ii) kont 16307425026 li ghadu miftuh[33]

F'isem il-konvenuta rrizultawlha s-segwenti kontijiet bankarji:-

i) kont savings li ghadu miftuh[34]

ii) kont 40010827327 li ghadu miftuh[35]

Bhala kontijiet joint f'isem l-attur irrizultaw is-segwenti:-

i) kont savings li huwa maghluq[36]

ii) kont current li huwa maghluq[37]

iii) loan account li huwa maghluq[38]

iv) loan account li huwa maghluq[39]

v) loan account li huwa maghluq[40]

Izzid tghid ukoll li kien hemm credit card f'isem l-attur.[41]

Ipprezentat ukoll update tal-kontijiet tal-konvenuta minn Jannar 2020 sallum u dan huma zewg savings accounts li jgibu n-numri 15107481012 u 40010827327 rispettivament.[42]

**Audrey Grech** in rapprezentanza ta' XL Homes Real Estate kkonfermat li bhala agenzija kienu ltaqghu mal-attur u ghamlu evaluation tad-dar taghhom biss.

[32] Dok. JBR 1
[33] Dok. JBR 2
[34] Dok. JBR 3
[35] Dok. JBR 4
[36] Dok. JBR 5
[37] Dok. JBR 6
[38] Dok. JBR 7
[39] Dok. JBR 8
[40] Dok. JBR 9

[41] Dok. JBR 10 u 11
[42] Doks. JBX 1 u JBX 2

Ipprezentat it-thread tal-emails li baghtu lil xulxin. Il-valur kien ta' €850, 000, li kien jinkludi fih ukoll l-agency fees.[43]

**Karen Cremona,** in rapprezentanza ta' Transport Malta kkonfermat li f'isem l-attur kien hemm registrata l-vettura Nissan Micra bin-numru ta' registrazzjoni PCJ 692.[44]

Rigward il-konvenuta tghid li kien hemm irregistrata fuq isimha l-vettura Renault Megane Expression bin-numru ta' registrazzjoni ACF 394.[45]

**Ruben Bonnici**, ghan-nom tas-socjeta' ARMS ipprezenta kopja tal-kontijiet tad-dawl u ilma tad-dar matrimonjali u cioe' 1004, Pender Gardens, Triq Ivo Muscat Azzopardi, San Giljan mis-sena 2015 sallum.[46]

Dwar il-pendenzi li hemm fuq dan il-kont tikkonferma li hemm arretrati li jammontaw ghas-somma ta' €3119, 50.[47]

Jikkonferma ukoll li l-ahhar ammont li thallas kien ta' €2,690,83 u thallas fit-22 ta' Jannar, 2020 u dak iz-zmien il-bilanc kien wasal ghal zero.[48]

Izid tghid li kienu saru zewg agreements fl-2018 fuq dan il-fond.[49]

**Perit Dennis Camilleri**, ipprezenta l-istima li kien ghamel fl-1 ta' Ottubru, 2020 fuq il-fond Appartament 1004, Pender Gardens, Triq San Andrija, San Giljan.[50]

[43] Doks. AG1 u AG2
[44] Dok. KC 1
[45] Dok. KC 2
[46] Doks. RB1
[47] Dok. RB 2
[48] Dok. RB3
[49] Dok. RB4 u RB5
[50] Dok. DC 1

**DF,** missier l-attur xehed dwar l-ewwel dar matrimonjali tal-partijiet fejn kienu marru jghixu go maisonette f' Marsaskala li kienu nghataw mill-genituri tal-konvenuta. Ighid li l-partijiet riedu jibnu sular iehor u jtellghu washroom u ghalhekk kellhom jissellfu Lm13, 000 mill-bank. Dan il-loan spicca hallsu l-attur wahdu u kien hemm ukoll l-interessi li akkumulaw tul is-snin li wassal ghall-ammont ta' Lm17, 304.

Jispjega pero' li wara li nbena sular gdid u anke l-washroom kien ghad fadal xoghol xi jsir biex jidher inqas antik u izjed abitabbli. Ighid li hu flimkien mal-attur u tlett haddiema ohra RE, KC u PG, kienu hadmu d-disinn u l-kostruzzjoni tat-tarag gdid tal-injam u l-poggaman ghall-istess tarag. Kellhom jaghmlu ukoll xogholijiet sabiex jikkoregu l-izball li kien hemm fit-tarag ghax ma kinux tal-istess gholi u dan kien qed jirrapprezenta periklu.

Ghalhekk jinsisti li l-attur ghandu kreditu favurih meta nbiegh il-post ta' Marsaskala u dan meta dan ix-xoghol ta' refurbishment kien fl-ammont ta' Lm7,550.50.[51]

Jispjega li meta missier il-konvenuta kien xtara l-post ta' Marsaskala kien xtrah ghall-prezz ta' Lm6700 u dan kif jirrizulta mill-kuntratt ta' bejgh li sar fl-atti tan-Nutar Victor Bisazza fit-23 ta' Marzu, 1992, imbaghad meta bieghu fl-2015 kien bieghu ghall-prezz ta' €175,000(ekwivalenti ghal Lm75,107).

Ghalhekk jinsisti li l-attur huwa intitolat ghal total ta' Lm17,304.

Itenni li kienu sellfulhom Lm3,000 ghaliex kellhom bzonn jixtru karozza gdida. Meta waslet ic-Citroen Picasso li kienu xtraw, kienet hatfitha l-konvenuta u ghamlitha taghha u ma hallitx lill-attur ihallashom lura. Fil-15 ta' Ottubru, 2008,

[51] Annex 1 u ritratti f' Annex 1 A.

l-attur kien talabhom isellfuh somma flus li kienet tammonta ghal €6,289 biex seta' jixtri karozza second hand u jbiegh li kellu peress li kienet bil-hsara. Ghal darb'ohra jghid li l-konvenuta ma hallitux ihallashom lura.

Isemmi li l-attur kien bniedem u missier iddedikat u biezel hafna, tant li kien jaghmel il-maggorparti tal-faccendi hu stess. Kien anke ghamel arrangjamenti mal-employer tieghu li jibda x-xoghol fil-hamsa ta' filghodu sabiex jirritorna d-dar mas-siegha u nofs biex jasal qabel it-tfal.

Ciononostante, jispjega li l-konvenuta ma kienet taghmel xejn faccendi fid-dar u totalment kienet tiddependi mill-attur. Oltre minn hekk ma kienx hemm rispetti lejn il-fatt li finanzjarjament ma kinux tajjeb u donnha bhala vendikazzjoni l-konvenuta kienet tohrog mid-dar u thalli kullimkien jixghel. Fil-fatt, jixhed dwar diversi kontijiet tal-Arms fejn il-konsum tal-elettriku kien ikun gholi iktar mis-soltu. Il-konsum tal-elettriku ghall-habta tas-sena 2008, meta kienu ghadhom joqoghdu Marsaskala kien jilhaq medja ta' 23 units kuljum u s-sitwazzjoni aggravat meta marru joqoghdu Pendergardens fl-2015, fejn il-medja tal-konsum kien ta' 30.8 unit kuljum. Pero' ugwalment, il-konvenuta baqghet ma toqghodx attenta u l-kontijiet baqghu jigu gholjin u baqa' jhallashom l-attur. [52]

Ighid li saru jafu ukoll li l-konvenuta kienet tikri l-kamra tas-sodda, li kellha ensuite bhala Airbnb, filwaqt li ma tiehux hsieb titfi d-dawl u dan a skapitu taghhom ukoll ghax kellhom ighinu lill-attur ukoll biex ihallas il-kontijiet.

Dwar il-konvenuta jispjega li ma kinitx it-tip li thobb tghaqqad il-familja. Qatt ma kienet issajjar u tigbor il-familja biex jieklu u kulhadd kien jiekol ghar-rasu u f'hinijiet differenti u dan l-iktar minhabba l-impenji tat-tifla. L-iktar jekk kien

[52] Kont tal-ARMS Annex 2c

hemm xi attivita' tal-familja jew il-Hdud forsi kienu jieklu maghhom jew mal-familja taghha.

Ighid li l-konvenuta rat kif ghamlet biex l-attur isib part-time peress li kien jispicca x-xoghol kmieni u dan meta kien ihobb joqghod mat-tifel jilghab il-playstation.

Ighid ukoll li l-attur dejjem wera sostenn lejn il-konvenuta u kien jiehu lit-tfal hafna drabi fost il-gimgha peress li kienet qed tistudja.

Izid ighid li l-konvenuta kellha hafna pregudizzji u qatt m'accettat li l-attur jahdem go fabbrika u kienet tghajjru u tinsulentah li ma kienx professjonist. Kienet taghmel minn kollox ukoll sabiex jitlaq minn dan ix-xoghol. Dina s-sitwazzjoni kienet tezisti mill-bidu taz-zwieg u juri kemm verament l-attur issapporta lill-konvenuta.

Il-konvenuta kienet social climber, kapriccuza u ghajjura u kienet taghmel minn kollox biex tidher u ghalhekk riedet tmur toqghod PenderGardens. Kienet irrwolat lit-tifla A f'diversi attivitajiet extra-kurrikulari rrelatati mal-isport, imma tant kien hemm li l-ispejjes kibru sew, tant li l-attur kien accenna l-fatt lill-konvenuta li ma setax ilahhaq bl-ispejjes kollha, in partikolari minhabba l-isport tal-ghawm, kien hemm hafna safar involut.

Isemmi xi kontijiet li kien ihallas l-attur.[53]

Il-konvenuta kienet konsapevoli li ma setghux jaffordjaw certi spejjez u kienet tispicca tizvoga fuq l-attur u anke fuq it-tifla A .

Ighid li l-attur kien ihallas is-segwenti spejjez:-

i) il-loan kollu (€600+ fix-xahar) li hadu biex xtraw Pendergardens

[53] Annex 3 a fol. 80

ii) il-kontijiet kollha tad-dawl u ilma

iii) il-maintenance fee li kienet gholja hafna (€2,000+p.a.) tal-post lil FM Core Condominium Administration Ltd.

Meta kienet indunat li l-attur verament ma setax ihallas ghall-ispejjes tal-ghawm, il-konvenuta kienet iddecidiet li tibda thallashom hi u spiccat minflok titlob lill-genituri taghha biex ihallsulha u fil-fatt missier  il-konvenuta kien qallu li l-isport tal-ghawm kien faqqarhom lill-partijiet. Pero' jzid ighid li l-konvenuta ma kellhiex rispetti lanqas lejn il-genituri taghha, li kienu dejjem jaghtuha li trid.

Jispjega ukoll li jekk ma kienx ghall-attur li dejjem ghamel kuragg lit-tifla A  u ghen biex iwassalha ghat-training, zgur ma kinitx tirnexxi ghaliex il-konvenuta ma kinitx thalliha tiehu gost taghmel l-isport izda dawwritha f'kompetizzjoni u dejjem riditha tkun ahjar minn haddiehor. Lanqas riedet tibqa' tattendi ghat-time trials peress li kienet tinharaq jekk kienet tara lil xi tifla li tkun marret ahjar minnha.

Hafna drabi jghid li l-konvenuta u t-tifla A  kien ikollhom xi jghidu u xi drabi anke bil-kbir fejn jibdew iwaddbu l-affarijiet lil xulxin u l-konvenuta tghajjarha billi tuza' kliem baxx, tant li kemm il-darba kellu jintervjeni l-attur. Fil-fatt it-tifla kienet irrappurtat lil ommha mal-iskola, tant li kienu baghtu social worker id-dar taghhom sabiex jara x'kien qed jigri u wara li telaq kienet ghajjret lil A li issa gabitha fl-ilsien in-nies.

Ighid li l-konvenuta ma kinitx tip ta' persuna rikonoxxenti u meta kienu ser igorru biex imorru jghixu Pendergardens kienu ghenu lill-attur igorru jerga' jarma l-ghamara, izda hi qatt ma dehret u lanqas meta marru jghixu hemmhekk qatt ma stiednithom ghall-kikkra te.

Ighid ukoll li kien qed jippretendi li jithallas lura s-somma ta' €15,000 li kienu tawhom sabiex ihallsu depozitu fuq l-akkwist ta' Pender gardens.

In-nuqqas ta' rispett da parti tal-konvenuta kien jidher fil-fatt li kienet igieghel lill-attur jahdem part-time, izda xorta wahda baqghet tghiru u tinsulentah, tant li kien beda jiddejjaq sew u kien induna peress li kien ikun ghandhom hafna u kien qalilhom li kien ghejja jigi bbulijat, insulentat u mqabbel ma' haddiehor.

Wara li l-attur telaq mid-dar matrimonjali kien sar jaf li l-konvenuta kienet qed tkun responsabbli u ma kinitx qed thallas il-kontijiet tad-dawl u ilma u spicca li mar l-ARMS biex jirranga biex jaghmel il-pagamenti bin-nifs biex ma jaqtghux id-dawl u dan anke meta finanzjarjament ma felahx ghal dawn il-kontijiet.

Kienu spiccaw ghenuh huma u jikkonferma li kienu hallsu l-arretrati li kien hemm sas-sena 2019[54] li kien jammmonta ghal €2690.83 u f'inqas minn gimgha kienu ukoll hargu l-ispejjes ta' €5845.21 bhala kontijiet tal-ARMS, FM Core (condominioum fee) ecc.

Ighid li l-karattru tal-konvenuta, l-abbuz psikologiku li wettqet fuq l-attur, l-ibbulijar ma hallewlu ebda triq, ghajr li jitlaq. Kien hemm diversi eccessi gravi bhat-tghajjir kontinwu, it-tberbiq ta' flus, in-nuqqas ta' responsabbilita'. Kienet anke hadet vantagg mit-tjubija u r-rizervatezza tal-attur u f'dak l-aspett kienet makakka u manipulatrici.

**W F** kkonfermat il-verzjoni ta' zewgha DF, kif ukoll hu l-attur KF kkorroborra l-verzjoni ta' D F missieru u li zied ukoll li fis-sena 2017 l-attur kien talbu sabiex isellfu l-flus u kien sellfu €1,900, liema somma ghadha ma thallsitx s'issa.

In kontro-ezami omm l-attur tghid li qatt ma kienet prezenti u rat id-dar kollha mixghula u lanqas qatt semghet lill-konvenuta tghajjar lill-attur jew qatt

[54] Annex 2D

semghetha titlobhom il-flus. Dan kollu kien qalulha l-attur. Izid tghid li qatt ma semghet lill-konvenuta tghid li tisthi li l-attur jahdem gewwa fabbrika.

In kontro-ezami K F , ighid li gieli inserta ghand il-partijiet u kien jara l-attur jahsel il-platti jew l-art. Kien anke jiehu hsieb jahsel il-hwejjeg. Dwar it-tifla A jghid li gieli raha tiekol bil-hatfa.

Ighid ukoll li qatt ma ra lill-konvenuta tghajjat jew tinsulenta t-tifla pero' xi kultant kien jaraha ddispjacuta. Ighid li llum jarahom meta jkunu ghand in-nanniet paterni.

Ighid li gieli kien prezenti ghal xi bullying da parti tal-konvenuta meta kienu jkunu ghand il-genituri tieghu, ghax donnha l-konvenuta kienet taghmel l-arja u taqbad mieghu.

**A M**, missier il-konvenuta jispjega li bintu kienet introducietu lill-attur meta bdiet tohrog mieghu u kien jidher li huwa persuna kwiet u misthi u bil-kemm kien jitkellem. Kien jinkwieta meta kienu gharajjes ghaliex bintu kienet twassal lill-attur kull darba mid-dar taghhom il-Fgura san-Naxxar. Peress li kien beda jilmenta maghha li kien jinkwieta li kienet taghmel dina t-triq wahedha, il-konvenuta kienet selfet il-vettura taghha lill-attur u spicca li prattikament ghamilha tieghu, ghax kien iwassal lill-konvenuta u jmur lejn il-Fgura biha.

Meta l-attur kien staqsa lill-konvenuta sabiex jizzewwgu, kien jaf li ma tantx kellhom flus sabiex jixtru post, kien offrilhom il-post tal-villeggjatura li kellhom Marsaskala. Ighid li minkejja li kien ghamel xi tibdiliet f'dan il-post, il-partijiet ma kienx joghgobhom u spiccaw li qabdu l-perit Ronald Azzopardi sabiex itellghu zewg sulari ohra. Jinsisti li kien sellifhom Lm13,000 biex setghu jibnu

dawn iz-zewg sulari u anke jaghmlu t-tibdiliet li xtaqu. Ighid li kellhom ihallsuh lura fiz-zwieg.

Ighid li ghalkemm l-attur kien jidher kwiet, kien ukoll xhih li ma tantx kien ihobb ihallas u kien ghalhekk li kien hallas it-tieg kollu ghalihom. Missier il-konvenuta kien tah Lm1000, izda kien tahom lill-partijiet. Kien anke hallas ic-crieket tat-tieg. Kien ihallas l-mizati tal-lezzjonijiet tas-synchronised ta' A, kif ukoll dawk tal-ballet u kienu ukoll jkopru l-ispejjes tal-uniformijiet u iktar. Minn naha tal-attur minflok kien ihobb jonfoq u jbiddel il-mudelli tal-mobiles jew jonfoq fuq il-muzika peress li kien idoqq f'band jew ibiddel il-karozzi u jpoggi l-interessi tieghu qabel il-bzonnijiet tat-tfal.

Izid ighid li kienu dejjem jiehdu hsieb it-tfal tal-partijiet u qatt ma kien hemm ghajnuna mill-genituri tal-attur. Kien telaq iktar kmieni mix-xoghol sabiex il-konvenuta tkun tista' tkompli tahdem u tistudja ghall-Masters. Kwalsiasi party tal-Maghmudija, Precett ecc kienu dejjem thallsu minnhom u hafna drabi l-attur lanqas kien jikkontribwixxi.

Fil-fatt ighid li meta l-konvenuta ggradwat fil-Masters mill-Universita' ta' Sheffield kien hallas sabiex attenda l-attur u spicca li ma marx hu.

Jistqarr li l-attur ma kienx persuna biezel u anke meta sablu *part-time* bhala kaxxier gewwa supermarket ma' habib tieghu, l-imghallem kien ser ikeccih u jirrappurtah peress li kien jsibu hafna drabi jibghat messaggi fuq il-mobile, kif ukoll kien ma johrogx ircevuti lin-nies u kien ihawwad fil-flus.

Hafna drabi meta kien imur jara lill-partijiet kien isib l-attur jilghab il-video games u dan kien ihassbu, izda ma kienx jikkummenta mat-tifla biex ma jaqlax inkwiet.

Dwar meta l-konvenuta kienet infurmatu li xtaqet tbiegh id-dar ta' Marsaskala, ighid li ghall-bidu oppona ghaliex ma riedx li l-attur ipoggi post fuq ismu u jitlaq. Kien wissiha, izda kienet konvinta li setghet tafda lill-attur. Eventwalment kien tahom €10, 000 u kien anke offrilhom sabiex ighixu maghhom San Giljan sakemm il-post kien lest. Hawn kien induna li l-konvenuta kienet tiehu hsieb kollox mit-tfal ghall-haddiema u l-attur minflok kien jidhol lura d-dar, jiekol u joqghod fuq il-mobile u forsi jahsel il-hwejjeg.

Dak iz-zmien ma setax ighin fil-garr peress li kellu problemi f'daru pero' kien hallas lin-nies tal-garr.

Isemmi li meta kienu jghixu maghhom, martu u zijtu K, kien baqghu jhallsu lill-konvenuta ghall-ispejjes tas-soft furnishings, il-gypsum u dawl. Dina z-zija kienet sellfithom €4,000 u kien hallasha lura €2,000. Martu kienet ukoll hallset €20,000 biex il-konvenuta tixtri parking spaces Pendergarden peress li kienet qed tilmenta li kien qed ikollha problemi bil-parking.

Ukoll meta l-konvenuta kellha bzonn tbiddel il-karozza kien hallas €10,000 sabiex xtrat Renault.

Jishaq li mill-bidu li l-partijiet marru jghixu Pendergardens kienu bdew il-problemi. Kien jinnota li hafna drabi l-konvenuta kienet tidher imdejjqa u iktar beda jikkonvinci ruhu li l-affarijiet ma kinux sew meta ma kinitx attendiet il-Grizma ta' A. L-attur kien qallu li l-konvenuta kienet ma tiflahx u lanqas kien jidher iddispjacut dakinhar.

Darba minnhom il-konvenuta kienet marret ghandhom imbikkma u kienet fethet qalbha maghhom li t-tifla qaltilha li kellha suspetti li l-attur kellu mara ohra. Ighid li kien ikkonfronta l-attur wara li kien telaq mid-dar matrimonjali u ammetta

mieghu li kien hemm mara ohra, izda nduna li kien zbalja u kien ghalhekk li kien ser jipprova jirranga l-affarijiet. Kien ghalhekk li biex jara kif jaghmel biex izomm il-familja maghquda li kien jistiednu kull fejn kienu qed jorganizzaw xi haga mal-familja.

Fl-Ghid tas-sena 2018, l-attur kien irrifjuta li jattendi l-ikla u minn dak il-mument ma kellimhomx izjed. Ighid li martu kienet hadet din il-haga bil-kbira hafna, tant li spiccat li waqghet f'depressjoni qawwija, segwita' b'dementia.

Ipprezenta ukoll lista tal-kontribuzzjonijiet u d-donazzjonijiet finanzjari li ghamlu lill-konvenuta matul iz-zwieg.[55] Dawn l-ispejjes kien hallashom sabiex ma jarahomx inqas minn haddiehor u kien qallhom li meta setghu jhallsuh lura, izda dan qatt ma gara.

## **KONSIDERAZZJONIJIET**

### **Responsabbilita'**

Peress li ma' dina l-kawza mixja kawza ohra fl-ismijiet inversi, it-tnejn jattribwixxu t-tort lil xulxin. Ghall-attur il-konvenuta rrendiet ruhha hatja ta' eccessi, sevizzi u mohqrija, theddid u ngurji u offizi gravi.

Ghall-konvenuta z-zwieg tfarrak irrimedjabbilment minhabba li l-attur irrenda ruhu hati ta' adulterju u abbandun.

Fis-sentenza **Antoinette Cauchi vs Alexander Cauchi**, l-ingurji jew offizi gravi gew definiti bhala li "***jinkludu kliem jew agir illi joffendu l-pudur ta' dak li jkun minkejja illi dawn jirreferu ghal affarijiet vera jew foloz.***"

[55] Fol. 371

Gie ukoll ritenut li ghas-sejba ta' htija fit-tkissir taz-zwieg dawk is-sevizzi, minacci u ingurji gravi jkunu kommessi abitwalment u ripetutament. Fis-sentenza **Jayne Margaret Chetcuti vs Lawrence Chetcuti** moghtija mill-Qorti tal-Appell fil-15 ta' Dicembru, 2015 gie ddikjarat illi ***"….mhux kull nuqqas da parti ta' konjugi versu l-konjugi l-iehor jwassal ghas-sevizzi, minacci jew ingurja gravi fit-termini tal-Artikolu 40 tal-Kodici Civili u huma biss dawk in-nuqqasijiet li, maghmula ripetutament u abitwalment, iwegghu u jferu lill-konjugi sal-grad li l-konvivenza matrimonjali ssir wahda difficli u insopportabbli. Kif jinsab ritenut fil-gurisprudenza patria: "Per sevizie del senso della legge s'intendono atti abituali di crudelta' che offendono la persona o l'anima di colui e sono diretti al punto di ingenerare in lui perturbazione, un dolore ed un aversione verso chi commette tali atti [ PA Camilleri utrinque, 16 Marzu, 1898]."***

Issir referenza ghall-kaz **Catherina Agius vs Benedict Agius,** deciza fit-13 ta' Gunju, 1967 mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fejn gie pprecizat illi l-fatturi kontemplati fl-Artikolu 40 fuq citat iridu jkunu tali li joholqu sitwazzjoni fejn il-partijiet jispiccaw ighixu "***f'sistema costante di vessazione e di disprezzo, di oltraggio e di umiliazione che rendono almeno insopportabili l'abitazione e la vita comune."***

Inoltre fil-kaz **Giuseppa Agius vs. Pacifiko Agius** deciza fl-10 ta' Dicembru, 1951 mill-Appell Superjuri, il-Qorti qalet:-

> ***"Mhux talli tghajjir tal-konjugi bejniethom jikkostitwixxi dik l-ingurja gravi li tiggustifika d-domanda ta' separazzjoni personali; imma meta l-kliem dirett minn wiehed mill-konjugi lill- iehor huwa tali li joffendi***

*l-qalb u l-unur tal-bniedem, dawk il-kliem jammontaw ghal dik l-ingurja gravi…*

*Huma servizji dawk l-atti abitwali li joffendu l-persuna u l-animu tal-konjugi li lilu huwa dirett u li jaslu biex joholqu ezarcerbazzjoni f'dak il-konjugi hekk offiz u avversjoni profonda ghall-konjugi l-iehor li jikkometti dawk l-atti…Ix-xehha tar-ragel, meta hija ezagerata u eccessiva, tista' tikkostitwixxi servizju li tirrendi impossibbli l-konvivenza konjugali."*

Kif inghad fis-sentenza ricenti **Antoine Portelli vs Marthese Portelli sive Merthis** deciza fis-27 ta' April, 2017: ***"Il-Qorti tabbraccja d-distinzjoni bejn "sevizzi" u "eccessi" delineatabilment mill-Perit Legali fir-rapport minnu redatt b'referenza ghad-dottrina esposta minn Fadda u Baudry Lacantinerie.***

***"Eccessi" huma atti ta' vjolenza kommessi minn konjugi fil-konfront tal-konjugi l-iehor jew l-ohra illi huma tant gravi li jistghu jpoggu fil-perikolu s-sahha jew addirittura l-hajja ta' dak li jkun. Tali vjolenza tista' tkun mhux biss fizika izda ukoll psikologika. Vjolenza psikologika gravi, kostanti u fuq medda ta' zmien tista' ukoll twassal ghad-dannu fis-sahha ta' min jissubixxi tali vjolenza psikologika u ghalhekk tikkwalifika ukoll bhala "Eccess" fit-termini tal-Artikolu 40 tal-Kap.16.***

Gie enuncjat fil-kawza fl-ismijiet **Elisa Thompson vs Edward Thompson** illi sabiex tigi promossa b'success l-azzjoni tas-separazzjoni personali, m'hemmx htiega illi jigu ppruvati l-eccessi, sevizzi, minacci u l-ingurji gravi b'mod kumulattiv, izda jkun sufficjenti illi tigi ppruvata raguni wahda sabiex jigi stabbilit illi l-hajja matrimonjali tkun giet reza' mpossibbli da parti ta' xi wahda mill-partijiet jew min minnhom.

L-artikolu 40 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta isemmi l-mohqrija, illi minn gurisprudenza kostanti tirreferi ghas-sevizzi bhala bazi ghas-separazzjoni personali. Fis-sentenza fl-ismijiet **Maria Mifsud vs Vincenzo Mifsud, deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-30 ta' Gunju, 1961** gie enunciat illi : "***Certi fatti, kliem u modi ta' azzjoni jew atteggjamenti illi jistghu jrendu l-hajja komuni insopportabbli, huma ritenuti mid-dottrina bhala sevizzi."*** Fis-sentenza fl-ismijiet **Antoinette Cauchi vs Alexander Cauchi,** l-ingurji jew offizi gravi gew definiti bhala li "***jinkludu kliem jew agir illi joffendu l-pudur ta' dak illi jkun minkejja illi dawn jirreferu ghall-affarijiet vera jew foloz."***

L-iktar ilmenti li l-attur ressaq bhala provi dwar it-tort tal-konvenuta huwa minhabba li qatt ma rrispettatu u kienet tirridikolah u tghajjru ghazzien u bla ambizzjoni.

L-attur kien iggradwat mill-Universita' fl-Istorja u fl-arkeologija, izda dam ma beda jahdem u donnu lanqas kien jaghmel sforz skond il-konvenuta. Kien imbaghad zijuh li sablu l-impjieg tieghu prezenti bhala glass blower. Skond l-attur kien irranga l-hinijiet tax-xoghol bejn l-5 am sas-1.30 pm u dan wara li kellu t-tfal sabiex il-konvenuta tkun tista' tkompli tistudja u hu jkun jista' jiehu hsieb it-tfal.

L-attur ressaq provi sabiex juri li l-konvenuta ma kinitx tikkalkulah u kienet tiehu decizjonijiet wahedha in kwantu jirrigwarda t-tfal. Kienet taf li finanzjarjament ma kinux tajba, izda xorta wahda rrwolat lit-tifla f'hafna attivitajiet extra-kurrikulari, mill-ghawm, ghall-ballet u gymnastics u anke s-synchronised swimming. L-ghawm per se kien jirrikjedi hafna spejjes kemm biex tinzamm fizikament b'sahhitha, kif ukoll kien hemm hafna vvjaggar involut li kien iqum l-flus.

Mill-assjem tal-provi li ressaq l-attur, il-konvenuta bdiet titbiddel izjed meta kienu jkunu n-Neptunes peress li hemm il-genituri kienu ta' certu livell professjonali u kienet tghajjru li ma kienx kapaci bhalhom u li ma kienx xi avukat jew tabib u jiddiehes mal-kowces kif kien jaghmel haddiehor.

Il-familjari tal-attur ikkorroboraw dina l-verzjoni, minkejja li hafna drabi ma kinux ikunu prezenti u ghalhekk jixhet dubbju fuq ix-xhieda taghhom li hafna jiddependi fuq dak li qalilhom l-attur, Cionostante jsemmu ukoll li l-konvenuta kienet migbuda hafna maghhom u minn mindu marru jghixu PenderGardens qatt ma stiednithom iktar.

L-attur kien ikkonsistenti fil-verzjoni tieghu u anke meta mqabbla max-xhieda tal-genituri tieghu u dan peress li jghid li hu kien qabel mad-decizjoni li jmorru jghixu PenderGardens peress li kellhom hafna skariggi minhabba li t-tifla kienet tattendi l-ghawm u l-attivitijiet lejn ic-centru ta' malta, filwaqt li huma kienu jghixu Marsaskala u l-konvenuta kienet tahli hafna hin isuq minn post ghall-iehor. Oltre minn hekk ighid li kienet iktar inkoraggjata l-konvenuta peress li l-genituri taghha, kienu marru jghixu san Giljan ukoll.

Fl-istess waqt l-attur jinsisti li l-konvenuta kienet riedet tmur tghix PenderGardens meta kienet taf li ma setghux jaffordjaw dan il-post u oltre

minn hekk biex "She keeps up with the Joneses" u tidher tal-istess klassi socjali man-nies li kienet taghmilha maghhom in-Neptunes.

L-attur isemmi li kellu problemI psikologici minhabba l-effett tal-ibbullijar tal-konvenuta u kien ikollu hafna flashbacks tal-ansjeta' li kienet tohloqlu, l-iktar meta bdiet bl-"istalking."

Il-hbieb tal-konvenuta li xehdu fil-kawza odjerna taw verzjonijiet kontrastanti tal-konvenuta meta mqabbla ma' dik tal-attur. Iddeskrivewha bhala persuna ferriehija, habbrieka u li kienet iddedikata ghat-tfal taghha. Kien jirnexxielha tlahhaq b'xi mod ma kollox u kienu ndunaw li l-attur ma kienx prezenti hafna f'hajjet it-tfal.

Kugina tal-konvenuta KDG kienet psikoterapista u kienet tiffrekwenta lill-konvenuta hafna peress li kienet tghinha tistudja. Minn hemm kienet indunat li kien hemm *parental alienation* minn naha tal-attur. Ta' min izid ukoll li mix-xhieda taghha DG kkonfermat li meta l-attur kien izur l-appartament fejn kienet tghix mal-konvenuta, kienet ghamlet zmien li nqattghet minn maghha peress li l-attur kien jidhak biha u jghaddiha biz-zmien.

Ghall-attur jekk kien hemm *parental alienation* dan wasal ghaliha minhabba li l-konvenuta kienet tghawwi t-tfal kontrih u lanqas kienet tghallimhom jirrispettawh. Itenni ukoll li lanqas l-konvenuta hija dik l-omm idejali li trid turi li hi, peress li jkollha hafna xi tghix mat-tifla A u tippretendi hafna minghandha u kontinwament tqabbilha ma' shabha u li huma ahjar minnha u ghandha tistinka hafna. Dan wassal sabiex it-tifla kien ikollha hafna ansjeta' u kienet qed titlef mis-self-esteem taghha u jekk ma kienx ghall-attur li kien jaghmilha kuragg tkun ilha li waqfet tippratika l-ghawm.

Ghaldaqstant, mir-rizultanzi processwali kkunsidrati iktar ‘l fuq, dina l-Qorti hija konvinta li fuq bazi ta’ probabilita’ l-konvenuta hija omm u mara ambizzjuza li trid l-ahjar ghall-uliedha u kienet anke kompettitiva f’dan il-kamp. Il-kompetizzjoni hija tajba sakemm tibqa’ kkontrollata u fuq livell li ma ssirx ossessjoni. Il-Qorti tifhem li l-konvenuta kienet timbutta lil bintha A fl-ghawm ghax kellha potenzjal, pero’ fil-hajja certament dejjem ser isib min hu ahjar minnha.

Kien hemm indubbjament esagerazzjoni fl-attivitajiet extra-kurrikulari tat-tifla, anke jekk ikkomparat mat-tifel Y , li kien wera ftit interess fil-Judo, imbaghad fil-basketball.

Jekk kien hemm problem finanzjarji kien fid-dmir tal-konvenuta li twaqqaf jew ahjar tillimita dawn l-attivitajiet, specjalment dawk li ma kinux relattati mal-ghawm, fejn donnu A l-iktar li kienet tispikka.

M’hemmx dubbju li l-konvenuta dejjem kienet hemm biex taghti support, pero’ tametti li kien ikollha hafna stress waqt it-time trials u kien jattendi minflok l-attur, ghax ma tkunx tiflah taraha u l-iktar meta kienet titlef u dan fuq ammissjoni taghha stess.

L-estremi tal-konvenuta johorgu iktar cari kif riedet tifforma parti minn klassi iktar gholja fis-socjeta’ u din il-fissazzjoni kibret meta bdiet tiehu t-tifla n-Neptunes Club u sabiex tahbi l-misthija taghha li zewgha kien jahdem gewwa fabbrika, hasset li jekk imorru joqoghdu PenderGardens l-istatus taghha kien ser jinbidel. Apparti minn hekk indubbjament kien hemm problemi tas-sewqan minn post ghall-iehor li kien jirrikjedi hafna hin u oltre minn hekk il-genituri tal-konvenuta kienu qed joqoghodu San Giljan u kienet tiddependi hafna fuqhom.

Fl-ambitu tar-relazzjoni ta-konvenuta mal-genituri taghha, l-attur jilmenta li dawn kienu jfissduha u peress li kienet tifla unika malli tfaqqa' subghajha kienu jikkuntentawha u ghalhekk kienet tippretendi li zewgha jaghmel l-istess.

Fid-dawl ta' dawn ic-cirkostanzi u fatti ma hemmx dubbju li jirrizulta li l-konvenuta hija responsabbli ta' ingurji, eccessi u sevizzi.

**<u>Adulterju</u>**

Illi fil-kawza fl-ismijiet **"Rose Gauci vs Salvatore Gauci"** (P.A. (RCP) 1 ta' Ottubru 2002 - Cit Nru:1365/1997/RCP) fejn din il-Qorti kif presjeduta rriteniet li:-

> "… ***l-artikolu 38 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta jghid illi "Kull parti mizzewga tista' titlob il-firda minhabba l-adulterju tal-parti l-ohra". Illi kif tajjeb osservat din il-Qorti fis-sentenza taghha tas-16 ta' April 1953 fil-kawza fl-ismijiet "Rita Spiteri vs Avukat Dr. Albert V. Grech et noe". (P.A. (C.C.) Kollez. XXXVII.II.693) l-adulterju "hija bla dubju l-kawza l-izjed gravi li ghaliha l-ligi tawtorizza sseparazzjoni personali; izda, stante d-diffikulta' tal-prova, kif turi l-assenza ta' dispozizzjoni legislattiva li tillimita dina l-prova, huwa ormai pacifiku fid-dottrina u fil-gurisprudenza li l-adulterju jista' jkun pruvat permezz ta' indizji u prezunzjonijiet, purche' dawn ikunu gravi, precizi u konkordanti, b'mod li ma jhallu ebda dubju f'min ghandu jiggudika".*** **("Rosina Micallef vs Angelo Micallef"** ***Prim'Awla Deciza -27 ta' Gunju 1964)".***

Il-konvenuta tattribwixxi l-falliment taz-zwieg taghha minhabba l-adulterju kommess da parti tal-attur ma' B P

It-tifla A  kienet dik li l-ewwel intebhet li missierha kien idum jibghat messaggi minn fuq il-mobile u kienet indunat li hija mara peress li meta kien jigborha mil-lezzjonijiet il-messaggi kienu jigu riflessi fil-mera. Meta kkonfrontatu kien anke jiehu qata' u jwarrab il-mobile, Kien f'okkazzjoni minnhom waqt li halla l-mobile jiccargja li  A rnexxielha tidhol fl-App Viber u kixxfet il-messaggi li kienu jintbaghtu bejn l-attur u BP , li maghha ghadu f'relazzjoni sal-gurnata ta' llum.

It-tifla kellha ggorr dan il-piz u fethet qalbha mal-konvneuta, li ghal bidu ma tantx tat kaz, izda beda jidhlulha s-suspetti wara li kienet siefret u l-attur kien halla t-tfal mal-genituri taghha fil-weekend, minflok ghad maghhom.

Meta kkonfrontatu kien qabad u injoraha, sakemm kienet qabditlu hwejjgu u keccietu mid-dar.

Il-konvenuta ukoll pprezentat diversi ritratti ta' B P  li kienu telghu meta kienet qed tibghat messaggi lil missierha. Fl-istess messaggi t-tifla ssejhilha l-girlfriend ta' missierha u ma nnegax  dan il-fatt.

Pero' l-attur jipprova jikkonvinci lil dina l-Qorti li ma kienx ikkometta adulterju, izda kien jiftah qalbu ma' P   minhabba l-problemi li kellu mal-konvenuta. Dina l-Qorti ma thossx li l-attur huwa konvincenti meta effettivament jirrizulta b'mod inekwivokabbli li qieghed f'relazzjoni mal-istess. Dan huwa iktar ikkonfermat mid-diversi ritratti li ttellghu fuq Facebook minn BP , flimkien mal-attur u uliedha u dan tant kien igib dwejjaq lill-konvenuta u uliedha li kienu talbuh biex ma joqghodx jaghmel dawn il-posts ghax iwegghu, izda injorahom.

Il-konvenuta pprezentat ukoll diversi messaggi li kienet sabet arkivjati fl-Ipad u l-attur kien nesihom. L-istess messaggi jaghtu x'jifhmu li indubbjament kien hemm relazzjoni bejn l-attur u P  minhabba d-diversi kunfidenzi li kien hemm.

L-indifferenza totali tal-attur wassal sabiex it-tifla A kellha tattendi ghat-terapija ghand Dr. Malcolm Tortell minhabba li hasset it-toqol tal-fatt li kixxfet lil missierha, L-attur donnu ried ighin lil bintu u kien wieghdha li ser jaghmel appuntament  ma' Dr.Tortell biex imorru flimkien, izda dan qatt ma ghamlu li juri u tispikka ghal darb'ohra n-nuqqas ta' empatija tal-attur fil-konfront ta' uliedu.

Fl-ahhar mill-ahhar ma jezisti l-ebda dubju li l-attur ikkommetta adulterju u dan meta l-indizji huma cari u hemm prezunzjonijiet gravi.

Dina l-Qorti zzid ukoll li certament kien hemm in-nuqqasijiet da parti tal-konvenuta li wassal sabiex l-attur ihossu mdejjaq, pero' gravi kemm kienu gravi dawn is-sitwazzjonijiet, xejn ma ser jiggustifika l-azzjonijiet tieghu. Iz-zwieg jista' jkollu problemi, li jistghu jigu sorvoljati xi kultant u xi kultant le, izda l-adulterju zgur mhux ir-rimedju. Il-konvenuta anzi ssemmmi li anke ppruvaw imorru ghall-*counselling*, pero' ma rnexxiex ghax l-attur kien ghadu qed ighaddiha biz-zmien u minn wara daharha johrog ma'  BP.

Jinghad ukoll li l-konvenuta ghaddiet minn perjodu ikrah hafna u dan huwa kkorroborrat mill-hbieb intimi taghha, li rawha mdejjqa u ma kinitx baqghet dik it-tfajla ferriehija li kienu mdorrijin jaraw. Dan kollu kien l-effett tal-adulterju.

Ghaldaqstant, mill-assjem tal-provi ndubbjament jirrizulta li l-attur ikkommetta adulterju li wassal ghas-separazzjoni tal-kontendenti.

**Abbandun**

Dwar l-abbandun dan ma jirrizultax peress li kienet l-konvenuta li kienet kecciet lill-attur u minn dakinhar ma regax dahal id-dar.

**Kura u Kustodja**

Il-konjugi F , kellhom zewgt itfal A li llum hija maggorenni u Y li llum ghandu 16-il sena.

Prezentement iz-zewgt itfal tal-partijiet ighix mal-konvenuta u r-relazzjoni ma' missierhom dejjem kellha t-tlugh u l-inzul taghha. Il-konvenuta lmentat tul il-kawza li l-attur kien assenti minn hajjet it-tfal. Ma kienx juri interess fl-isports taghhom, ghax kien iktar iffissat fil-bands li maghhom kien idoqq.

Rari kien iwassal lil A ghat-training skond il-konvenuta u ma kienx jattendi ghal ebda attivitajiet tal-iskola. Kien hemm hafna intoppi u dispjacir bejn bint il-partijiet A u missierha l-attur u dan peress li l-istess tifla kienet skopriet li missierha kien qieghed f'relazzjoni u kienet hi li refghet ir-responsabbilita' u qalet lil ommha.

L-attur bla ebda rimors kien itella' fuq Facebook ritratti tieghu u tal-partner tieghu BP , flimkien ma' uliedha u ghalkemm kemm il-konvenuta, kif ukoll A kienu gibdu l-attenzjoni lill-attur, injorahom. A tammetti li dan kien ikkaguna hafna ansjeta' u wegghat, tant li kellha tibda tmur ghat-terapija ghand Dr. Malcolm Tortell.

Hassitha mwarrba u iktar mwegga' meta l-attur kien wieghdha li kien ser jaghmel appuntament ma' Dr.Tortell sabiex jattendu sessjoni flimkien, izda dan qatt ma gara.

Forsi t-tifel Y kien ghadu zghir, pero' llum ghandu sittax-il sena u ghalhekk ghandu certu eta' bizzejjed sabiex jifhem is-sitwazzjoni bejn il-genituri, tant hu hekk li fil-fatt qed jibda jhoss l-ansjeta' hu ukoll u talab lill-konvenuta sabiex jibda t-terapija.

Ir-relazzjoni bejn l-attur u uliedu mhux dejjem kienet wahda li mxiet harir. Wara li telaq mid-dar matrimonjali l-kuntatt ma kienx regulari. L-attur jattribwixxi dan ghall-fatt li kemm il-darba kien jipprova jikkomunika maghhom u gieli kienu jirrispondu ghall-messaggi tieghu u gieli le. Spicca jghid li qata' qalbu.

Kien biss meta ulied il-partijiet saru jafu li n-nannu patern taghhom kien qed imut bil-kancer li r-relazzjoni regghet hadet zvolta ohra. Kienet A li hadet l-izbriga biex tikkomunika ma' missierha u tigbidlu l-attenzjoni li f'cirkostanzi bhal dawn kellu jerfa' r-responsabbilita' ta' missier u jaghrafhom b'din l-ahbar. Kull deni hudu b'gid, ghaliex l-istess mewt tan-nannu patern, wasal sabiex ressaq ghal darb'ohra lill-attur ma' uliedu. Kemm A kif ukoll l-attur jikkonferma li prezentement ir-relazzjoni bejniethom mixja tajjeb u rega' gie nstawrat tip ta' *bond.*

L-istess jista' jinghad ghat-tifel Y , li ghalkemm illum ihoss li ghandu bzonn it-terapija wara li missieru telaq mid-dar ghal mara ohra, jiltaqa' ma' missieru llum. Ir-relazzjoni donnha mxiet 'l quddiem u dina l-Qorti hija serena b'dan u

la qabdu t-triq it-tajba theggeg li attur sabiex ikompli f'dina t-triq. Il-wegghat saru u ser jibqghu pero' tenut kont tal-fatt kemm l-attur kif ukoll uliedu rnexxielhom iwarrbu d-differenzi taghhom u qed jippruvaw jirkupraw il-hin li tilfu huwa ahbar tajba hafna. Dan tenut kont ukoll li Y,  llum ghandu sittax-il sena u ghandu jkun fil-liberta' biex jezercita l-access ma' missieru.

Il-kura u kustodja ta' Y ghandha tkun esklussiva ghall-konvenuta ghaliex ma' ommu rnexxielu jkollu sens ta' stabbilita' ghaliex dejjem kienet hemm ghalihom. Ma' missieru l-attur ghandu jibqa' jezercita' l-access liberament kif fuq deciz. Theggeg lil istess minuri jsegwi xi forma ta' terapija li jixtieq u jhoss li ser iservi ta' gid ghalih sabiex jeghleb l-ansjetajiet tieghu u jtejjeb iktar ir-relazzjoni mal-attur.

**<u>Manteniment</u>**

Il-Qorti tosserva illi l-konvenut ghandu dover fondamentali tal-genitur li jipprovdi manteniment lil uliedu, liema manteniment jinkludi wkoll fih spejjez dovuti ghas-sahha u edukazzjoni. Il-Kodici Civili jiddefinixxi bil-mod segwenti dan l-obbligu tal-genitur, fl-**Artikolu 3B**:-

***(i)*** ***Iż-żwieġ jimponi fuq il-miżżewġin l-obbligu li jieħdu ħsieb, imantnu, jgħallmu u jedukaw lill-ulied li jiġu miż-żwieġ skont il-ħila, xeħtiet naturali u aspirazzjonijiet tal-ulied.***

Imbaghad, fis-Sub-titolu II intitolat *"Fuq il-Jeddijiet u d-Dmirijiet Bejn Axxendenti, Dixxendenti u Aħwa*", insibu l-**Artikolu 7** li jipprovdi hekk:-

***(1) Il-ġenituri għandhom l-obbligu li jieħdu ħsieb, imantnu, igħallmu u jedukaw lil uliedhom bil-mod stabbilit fl-artikolu 3B.***

**Artikolu 19**

***(1) Fil-manteniment jidħlu l-ikel, l-ilbies, is-saħħa u l-abitazzjoni.***

***(2) Fil-manteniment li għandu jingħata lill-ulied u dixxendenti oħra, jidħlu wkoll l-ispejjeż meħtieġa għas-saħħa u għall-edukazzjoni tagħhom.***

**Artikolu 54**

… omissis …

***(2) L-ammont tal-manteniment imsemmi fis-subartikolu (1), kif ukoll il-manteniment dovut lill-ulied f'każ ta' firda, jiġi stabbilit billi jitqiesu l-mezzi tal-miżżewġin, il-ħila tagħhom li jaħdmu u l-bżonnijiet tagħhom, u għandhom jitqiesu wkoll iċ-ċirkostanzi l-oħra kollha tal-miżżewġin u tal-ulied …***

***…omissis …"***

***[sottolinejar tal-Qorti] «***

Skond digriet ta' 12 ta' Novembru, 2019, dina l-Qorti ordnat lill-attur ihallas manteniment ghat-tfal (dak iz-zmien A  kienet ghadha minorenni) fl-ammont ta' €750 fix-xahar li jinkludi fih nofs l-ispejjes edukattivi u tas-sahha. Fl-istess

digriet dina l-Qorti ordnat ukoll li l-ispejjes extra-kurrikulari ghandhom jinqassmu bejn il-partijiet.

L-attur ipprezenta diversi rikorsi sabiex jittenta jirriduci dan l-ammont, stante li jikkontendi li dan l-ammont huwa eccessiv u ma kienx f'qaghdha finanzjarja li jhallashom. Ghamel zmien ma jhallasx dan il-manteniment fil-fatt u wara li ntervjenew il-pulizija kien beda jhallas dan il-manteniment regolarment, izda minflok waqqaf l-ispejjes tal-loan li kien ittiehed fuq l-appartament ta' Pendergardens li kienet tirrapprezenta d-dar matrimonjali.

Sabiex dina l-Qorti tevaluwa jekk dan l-ammont huwiex wiehed eccessiv jew le jehtieg primarjament li tqis u tikkunsidra l-introjtu tal-partijiet.

## <u>Introjtu tal-attur</u>

Ghalkemm l-attur huwa lawreat fl-istorja u arkeologija, qatt ma hadem f'dan il-qasam, izda spicca jahdem bhala *glass blower* mas-socjeta' ProMinent Fluid Controls Ltd. Tul il-proceduri, il-konvenuta pprezentat ritratt tal-attur bhala persuna ghazziena u bla hegga li jimxi 'l quddiem f'hajtu. Kien kuntent li jahdem mill-5 am sas-1.30 pm u wara nofsinhar skond dak li xehdet il-konvenuta, kien joqghod id-dar jilghab il-Playstation u tlett darbiet fil-gimgha kien jattendi r-rehearsals mal-band li tieghu kien jifforma parti. Kien jivvjagga hafna maghhom ukoll u dan meta kellhom problem finanzjarji.

L-attur jiggustifika dan il-passatemp tieghu, billi jghid li s-safar huwa sponsorizzat mill-Malta Art Council Fund u l-lodging kien ikun imhallas mill-organiser. Dan jirrizulta kkonfermat in parte mid-doumenti li pprezenta l-attur mahruga mill-Arts Council Malta.[56]

---

[56] Doks. ACM 1-3

L-attur jinnega ghal kollox il-verzjoni tal-konvenuta, in kwantu jinsisti li rranga l-hinijiet tax-xoghol tieghu sabiex ikun id-dar meta jaslu t-tfal mill-iskola u dan sabiex jaghti daqqa t'id lill-konvenuta li kienet tahdem u kienet qed tistudja ghall-Masters ukoll. Hekk seta' jiehu hsieb it-tfal sakemm il-konvenuta setghet tkompli tistudja.

Meta tfaccaw problemi finanzjarji serji, kienet il-konvenuta li bdiet tinsisti mal-attur li kien jehtieg li jsib impjieg part-time, izda skontrat diversi problemi sabiex sab impjieg u kien missier il-konvenuta li sablu mpjieg bhala kaxxier f'supermarket fejn kien jahdem sad-9 pm.

Jirrizulta mill-assjem tal-provi li l-attur kien inghata twissija minghand l-employer tieghu peress li kien iqatta' hafna hin fuq il-mobile u anke nqabad jisraq mill-istess hanut. Kien bl-intervent ta' missier il-konvenuta li gew evitati proceduri kriminali.

Il-Qorti tinnota li l-attur kompla jsib xi impjiegi part-time sabiex ilahhaq bl-ispejjez, pero' f'Marzu, 2023 gie tterminat l-impjieg tieghu part-time ma' BHI u dan kif jirrizulta mill-employment historyipprezentat minn Joseph Saliba, in rapprezentanza ta' Jobsplus, kif ukoll minn Jonathan Bonnici bhala direttur ta' BHI Ltd[57]. Ma jirrizultawx izjed provi li fil-mori tal-kawza, l-attur rega' sab impjieg iehor.

Ghalhekk l-introjtu ghas-sena 2023 tal-attur gie kkonfermat bhala circa €23,000 u dan kif jirrizulta mid-diversi FS3's li gew esebiti.[58]

L-attur elenka ukoll id-diversi spejjez li ghandu li  jikkonsistu fis-segwenti:-

[57] Dok. X u Y a fol. 443 tal-process
[58] Fol. 342-349 tal-process

€750 – manteniment

€303 – repayment ta' self fuq il-vettura Nissan Micra

€180 – petrol

€13 licenzja tal-karozza

€35 – insurance tal-karozza

€25 - service tal-karozza

€400 – ghall-hajja u ghall-kontijiet tad-dawl u ilma u utilitajiet ohra

Total ta' **€1,731** fix-xahar.

**Introjtu tal-konvenuta**

Certament da parti tal-konvenuta jirrizulta li kien hemm izjed hegga ghax-xoghol u maz-zmien avvanzat fil-karriera taghha, sa anke spiccat ghamlet Masters. Huwa evidenti li l-konvenuta hija tajba f'xogholha fejn tahdem mat-tfal li huma neqsin mis-smiegh u dejjem irnexxielha tlahhaq ma' kollox.

Skond l-FS3's taghha jirrizulta li ghandha paga ta' €1,900 fix-xahar u meta jkun hemm xi bonuses jeccedi bi ftit l-€2,000 li evidentement huwa iktar minn dak tal-attur. [59]

Huwa kkonfermat mill-partijiet li kien hemm problemi finanzjarji, pero' apparti li l-konvenuta kienet tahdem *full-time*, kellha tigri bit-tfal ghal-lezzjonijiet extra-kurrikulari u certament ma kienx hemm hin sabiex tahdem part-time ukoll peress li xi hadd kellu bzonn jiehu hsieb it-tfal, minkejja li kellha hafna ghajnuna minghand il- genituri taghha.

[59] Doks. B – E a fol.21-24 tal-kawza rikors nru. 195/19

Ghandu jigi rilevat ukoll li l-konvenuta kienet qed terfa' hafna mill-piz tal-attivitajiet extra-kurrikulari tat-tfal, in partikolari l-ghawm, li kien jinvolvi hafna spejjes, tant li l-genituri taghha kienu jghinuha hafna. Fil-fatt missier l-konvenuta elenka d-diversi spejjes li kien u ghadu jhallas ghat-tifla A .

Kienet anke sahansitra waslet sabiex tuza' l-main bedroom li kellha ensuite bhala AirBNB u ghalkemm l-attur jinsisti li l-konvenuta kienet qed taghmel il-flus u tichdu minnhom, anzi kellu jhallas il-kontijiet tad-dawl u ilma tal-inkwilini, il-konvenuta tammetti li kienet ghamlet dan ghal sena shiha bejn 2018/2019 u dan ghaliex l-attur ma kienx qed ihallas manteniment.[60] Fil-fatt malli hareg id-digriet tal-Qorti kienet waqfet l-AirBNB li tghid kien sagrificcju ghaliha ghax kellha torqod fuq is-sufan. Tametti ukoll li dawn il-flus li qalghet uzathom fid-dar.

L-attur ghamel perjodu shih fejn ma kkontribwixxa xejn lejn dawn l-ispejjes, mentri ma kienx isib problema li juza l-flus biex jixtri xi strument, jew sabiex jivvjagga mal-band jew jixtri xi karozza, minghajr ma ddiskuta mal-konvenuta. Missier l-attur ipproduca diversi rcevuti sabiex jikkonferma li l-attur effettivament kien jikkontribiwixxi lejn dawn l-ispejjes tal-attivitajiet extra-kurrikulari. Madanakollu, dawn l-ircevuti ma jindikawx min ghamel il-pagamenti, hlief ghal wahda u ghalhekk anke jekk mhux qed jigi kkontestat li dawn l-ispejjes thallsu, jibqa' d-dubbju min hallashom u fuq kollox x'kien li l-attur stess ma pprezentax dawn l-ircevuti, izda gew ipprezentati minn missieru![61]

Jirrizulta ukoll li minn meta nhareg id-digriet sallum, tnaqqsu xi ftit spejjes ta' A peress li ma kellhiex bzonn iktar ispejjes tal-personal training, tal-Pilates ukoll.

[60] Fol. 66 - 68
[61] Fol.99-106

**Bzonnijiet tat-tfal**

A llum li ghandha 21 sena u qed tistudja full-time. Huwa kkonfermat li tahdem bhala ghalliema tal-ghawm u anke tilghab il-waterpolo u ghalhekk jirrizulta li ghandha xi tip ta' introjtu.

Y ghad ghandu sittax-il sena u jirrizulta li ha jibda jattendi s-Sixth Form u ghalhekk huwa student full-time li ghandu l-bzonnijiet tieghu, partikolarment sabiex ipoggi ghall-A' Levels tieghu.

Tenut kont tal-fatt li t-tifla A llum m'ghadhiex tipprattika l-ghawm bhala sports minhabba l-istat mentali li sabet ruhha fiha, minflok bdiet tahdem ftit bhala ghalliema tal-ghawm u tilghab il-waterpolo, tenut kont ukoll tal-fatt li kien hemm xi spejjes bhall-personal training (€25 fl-gimgha) u pilates (€96 fix-xahar) li naqsu l-ispejjes b'cirka €200 fix-xahar .Naqsu ukoll l-ispejjes tas-safar minhabba li A m'ghadhiex tippratika l-ghawm u ghalhekk ikun gust li l-ammont ta' manteniment jitnaqqas ghal €700 fix-xahar ghaz-zewgt ulied li jinkludi fih l-ispejjes edukattivi u tas-sahha, kif ukoll ghandu jhallas ghan-nofs l-ispejjes extra-kurrikulari.

L-ispejjez relatati mal-waterpolo huma diversi kif indikat mill-konvenuta. Apparti minn hekk il-konvenuta qed thallas €45 darbtejn fix-xahar ghas-sezzjonijiet li tattendi A ghand Dr.Malcolm Tortell u mistennija li dawn l-ispejjes ikomplu jizdiedu peress li l-minuri Y ukoll wera x-xewqa li jattendi ghal dawn is-sezzjonijiet.

Il-manteniment ghandu jizdied kull sena skond l-gholi tal-hajja u ghandu jibqa' jithallas sakemm Y, jew jibda jahdem jew sakemm jaghlaq 18-il sena jew sakemm jaghlaq 23 sena jekk ikun ghadu qed jistudja fuq bazi full-time u dan japplika ghal A li llum hija maggorenni.

**Komunjoni tal-Akkwisti**

Illi jirrizulta li l-komunjoni tal-akkwisti giet xolta permezz ta' sentenza in parte moghtija minn dina l-Onorabbli Qorti fis-16 ta' Marzu, 2022.

Illi hemm qbil bejn il-partijiet in kwantu jirrigwarda l-vetturi:-

- Vettura tal-marka Nissan Micra bin-numru ta' registrazzjoni PCJ 692 tigi assenjati lill-attur;
- Vettura tal-marka Renault Megane bin-numru ta' registrazzjoni ACF 394 ghandha tigi assenjata lill-konvenuta.

**Kontijiet Bankarji**

Hemm qbil ukoll in kwantu jirrigwarda l-kontijiet bankarji:-

Kwalsiasi kontijiet bankarji kemm mal-HSBC Bank Malta plc. Kif ukoll dawk mal-Bank of Valletta plc. Ghandhom jinzammu mill-partijet fejn il-kontijiet huma intestate f'isimhom- rispettivament.

**Dar Matrimonjali.**

Illi l-partijiet huma ko-proprjetarji ta' maisonette numru 1004, PenderGardens, Triq San Andrija, San Giljan u *car space* bin-numru B8 fl-istess binja, li akkwistaw permezz ta' kuntratt fil-5 ta' Gunju, 2015.

L-attur qed jinsisti li d-dar matrimonjali ghandha titpogga ghall-bejgh fis-suq. DHI Periti nkarigati mill-attur ghamlu valutazzjoni tal-fond Appt 1004,

PenderGradens, *inclusive of car space* 88, fi Triq San Andrija, San Giljan ikkonferma li dan l-appartament ghandu valur ta' circa €600, 250.[62]

Il-konvenuta pprezentat stima tal-istess appartament minghand Remax li tawh valur ta' €500, 000[63], kif ukoll ta' Ben Estates li tah valur ta' bejn €520, 000 - €550, 000.[64]

Il-konvenuta da parti taghha qed topponi ghall-bejgh tal-istess dar, stante li primarjament s-separazzjoni hija htija tal-adulterju kommess da parti tal-attur u di piu' t-tfal ghadhom ighixu hemmhekk u l-attivitajiet taghhom huma kkoncentrati fil-vicinanzi, li tibdil ser iwassal sabiex hajjtihom terga' tinqaleb ta' taht fuq.

Il-Qorti taqbel ma' dak enunciat minn dina l-Qorti kif diversament ippreseduta fis-sentenza **AB vs CB** deciza fil-15 ta' Dicembru, 2016:-

> "***Jigi mill-ewwel stipulat illi l-Qorti m'hijiex affettwata mit-titolu li l-partijiet kienu jew ghadhom jokkupaw il-fond, izda tqis biss li l-istess fond il-partijiet ghazluh bhala d-dar matrimonjali taghhom u bhala tali z-zewg partijiet ghandhom drittjiet fuqu irrispettivament mill-origini u/jew mit-titolu tal-fond. Dan mhuwiex fond bhal kull fond iehor, izda huwa d-dar taz-zwieg. It-tgawdija tal-fond tiddependi fuq it-tortijiet rispettivi tal-partijiet fit-tkissir taz-zwieg u mhux fuq it-titolu.***

Illi l-istess kellha xi tghid il-Qorti fil-kaz **Mary Grace Borg pro.et.noe vs George Borg** deciza fit-23 ta' April, 2001 fejn il-Qorti rriteniet li "…***kif irriteniet din il-Qorti, l-interess li jrid jigi salvagwardjat huwa mhux biss dak***

[62] Dok DC1 a fl 170 tal-process
[63] Dok. CHA 7
[64] Fol. 132 tal-process

***tal-minuri, minkejja illi l-interess tat-tali jibqa' dejjem suprem, izda ukoll tal-partijiet kollha involuti, partrikolarment ta' dik il-parti illi tkun sejra tkun tigi zgumbrata mid-dar konjugali u b'daqstant tkun sejra ssir ruhha minghajr saqaf fuq rasha,"***

Tenut kont tac-cirkostanzi, dina s-separazzjoni wasslet sabiex it-tfal batew u ghadhom qed ibatu l-konsegwenzi, tant li jehtiegilhom it-terapija. Inoltre, il-konvenuta sabet ruhha f'dina s-sitwazzjoni minhabba l-komportament tal-attur li kkommetta adulterju, minkejja li l-konvenuta giet addebitata b'sevizzi u ngurji gravi fil-konfront tal-attur, il-bilanc tal-htija iktar jeghleb lejn l-attur u ghaldaqstant dina l-Qorti thoss li l-attrici ghandha d-dritt li tibqa' tghix fid-dar matrimonjali sakemm it-tfal jibqghu jghixu fl-istess dar, flimkien li tibqa' taghmel uzu mill-*car space*, u jekk fil-kaz dan ma jsehhx ghandha titlaq mid-dar fi zmien sena minn mindu t-tfal jitilqu mill-istess dar matrimonjali u sussegwentement id-dar matrimonjali ghandha titpogga ghall-bejgh fis-suq miftuh, flimkien mal-*car space*, bid-dritt li tkun l-istess konvenuta li jkollha l-opportunita' li tixtri hi sehem l-attur.

Sakemm il-konvenuta tibqa' tghix fid-dar matrimonjali ghandha tibqa' thallas il-pendenzi tal-*condominium fee*, kif ukoll pendenzi tal-hlas tac-cens u l-*car space.*

## <u>Kiri tad-Dar Matrimonjali</u>

Mhux ikkontestat li kien hemm xi perjodu fejn il-konvenuta kienet tikri xi kmamar tad-dar bhala AirBnb lill-istudenti u dan kien bejn Lulju 2018 u Ottubru, 2019. Il-verzjonijiet tal-partijiet f'dan ir-rigward huma kontrastanti, ghaliex l-attur jinsisti li dina l-kirja saret ad insaputa tieghu, sabiex anke jhallas il-kont tad-dawl u ilma ta' dak iz-zmien.

Kien in-nuqqas ta' hlas ta' alimenti da parti tal-attur li wassal lill-konvenuta sabiex tikri parti mid-dar matrimonjali sabiex tissalvagwardja lilha u lil uliedha b'introjtu iehor.

L-attur ikkalkola li l-kirja li dahhlet il-konvenuta kienet tammonta ghal €7,613 u kienet zammitu ghaliha. Primarjament, l-attur qatt ma nnega li ma kienx qed ighaddilha l-manteniment u ghaldaqstant dina l-Qorti tifhem ir-ragunament tal-konvenuta li kien jehtieglha introjtu iehor biex tghijex lill-familja u fil-fatt tinsisti li dawn il-flus intefqu fid-dar.

L-attur da parti tieghu jikkontendi li f'dak il-perjodu kien qed ihallas il-kontijiet tal-ARMS fl-intier taghhom, kif ukoll ir-repayment tas-self bankarju fl-intier tieghu u l-*condominium fee* fl-intier taghha. Dan huwa kkonfermat mill-konvenuta ukoll.[65] Mil-lat l-iehor, il-konvenuta kienet qed thallas diversi spejjes extra-kurrikulari tat-tfal, li l-attur ma kienx qed jikkontribwixxi lejhom. Anzi kienu jghinuha anke l-genituri taghha.

Ciononostante, l-attur kellu ugwalment l-obbligu li jikkontribwixxi ghall-alimenti ta' familtu u effettivament il-verzjoni tal-konvenuta hija iktar kredibbli, tenut kont tal-fatt li malli rega' beda jhallas il-manteniment kienet waqfet il-kiri fl-istess dar.

Ghaldaqstant, dina l-Qorti tichad it-talba tal-attur li jithallas nofs il-kirja li dahlet il-konvenuta, li skond kif ikkalkolahom kienu jammontaw ghal €3,119.

**<u>Il-kontijiet tal-Arms</u>**

Tul iz-zwieg u fil-mori tal-kawza jirrizulta li kien hemm diversi pendenzi fuq il-kontijiet tad-dawl u ilma mal-ARMS. Hemm qbil li l-attur kien ghamel zewg

---

[65] Fol. 160

agreements mal-ARMS in kwantu jirrigwarda l-arretrati li kienu akkumulaw u ghalhekk kien hemm ftehim li gie ffirmat fit-30 ta' Lulju, 2018 fl-ammont ta' €1,605.34[66] kif ukoll l-iehor fil-15 ta' Marzu, 2019 fl-ammont ta' €1,554.85. In konsegwenza tal-fatt li l-attur gie ordnat ihallas manteniment fis-somma ta' €750 fix-xahar, iddecieda li ma riedx ihallas dawn l-ispejjez.

Mhux ikkontestat li f'xi zmien tul dan il-perjodu, l-attur kien telaq mid-dar matrimonjali u ghalhekk kienet il-konvenuta li minkejja li baqghet tghix hemm ma kinitx qed thallas il-kontijiet tad-dawl u ilma regolarment, tant li l-arretrati kienu akkumulaw ghas-somma ta' €3,119.50.[67]

Ruben Bonnici in rapprezentanza tal-ARMS ikkonferma li kienu akkumulaw arretrati fuq il-kontijiet tad-dawl u ilma peress li evidentement ma kinux qed jithallsu. Sat-3 ta' Gunju, 2021 l-arretrati kienu jammontaw ghal €3119, 50.[68]

Missier l-attur xehed ukoll li peress li l-konvenuta ma kinitx qed thallas il-kontijiet tad-dawl u ilma, spicca li ghenu lill-attur sabiex jintlahaq ftehim mal-ARMS. Fil-fatt jikkonferma li kien hallas l-arretrati li kien hemm sas-sena 2019[69] li kienu jammonta ghal €2690.83 u f'inqas minn gimgha kienu ukoll hargu l-ispejjes ta' €5845.21 bhala kontijiet tal-ARMS, FM Core (condominium fee). Dawn gew ikkonfermati mill-ircevuti li esebixxa.

Gie stabbilit ukoll li sat-3 ta' Gunju, 2021 l-arretrati kienu jammontaw ghal €3,119.50 u dawn flimkien mal-ammonti fuq imsemmija (€2,690.83 u €5,845.21) ghandhom jinqassmu min-nofs u l-konvenuta ghandha thallas nofs dan l-ammont lill-attur (€5,827.77), flimkien ma' kontijiet pendenti sad-data tas-sentenza.

---

[66] Dok. RB4 a fol. 265 et seq

[67] Fol. 192

[6868] Dok. RB 1 a fol.l 193 tal-process.

[69] Annex 2D

Fil-fatt, fis-sottomissjonijiet taghha l-konvenuta taccetta li tassumi l-arretrati li hemm pendenti fuq il-kontijiet tal-ARMS u dan mid-data li l-ahhar ftehim maghhom gie ffirmat fil-15 ta' Marzu, 2019. Dawk ezistenti qabel ghandhom jigu assunti mill-attur.

**Is-self Bankarju fuq id-dar Matrimonjali**

Dwar dan is-self, il-partijiet jirrizultaw konsistenti fil-verzjonijiet taghhom, tant li wara li hareg id-digriet ta' dina l-Qorti datat 12 ta' Novembru, 2019 fejn il-konvenut gie ordnat sabiex ihallas manteniment fis-somma ta' €750 fix-xahar, li skond hu, huwa ammont esagerat, kien waqaf ihallas sehemu fuq is-self tad-dar matrimonjali minn Jannar, 2020. Ghalhekk kien ghamel l-ahhar pagament fi xahar ta' Dicembru, 2019.

Kwalsiasi pagament li sar minn Frar, 2019 beda jsir mill-konvenuta.

L-attur qed jippretendi li jithallas is-somma ta' €12,610.7 li fil-fehma tieghu hija somma li tirrapprezenta n-nofs sehemu tal-pagamenti li kompla jaghmel wara li allontana ruhu mid-dar matrimonjali u cioe' fit- 12 ta' Novembru, 2016.

Tenut kont li l-attur huwa hati tat-tifrik ta' zwieg minhabba li kkommetta adulterju u tenut ukoll li tul parti minn dan iz-zwieg, certament, l-attur ma kienx qed jikkontribwixxi lejn il-manteniment ta' familtu, (ara l-intestatura dwar kiri tad-dar matrimonjali), meta suppost kellu dan l-obbligu, iwassal li dina l-Qorti biex ma tippremjax dak il-konjugi li zbalja b'percentagg ikbar minn dak tal-konjugi l-iehor. Ghalhekk tichad il-pretensjoni tal-konvenut. Tordna pero' li kwalsiasi kontijiet tad-dawl u ilma li hemm pendenti wara ix-xahar ta' Frar, 2020, ghandhom ikunu a karigu esklussiv tal-konvenuta.

**<u>Donazzjoni u flejjes allegatament moghtija lill-konvenuta</u>**

In kontestazzjoni f'dan ir-rigward hija s-somma ta' €180,000 li allegatament il-genituri tal-konvenuta tawha mill-bejgh tal-proprjeta' ta' Marsaskala. Il-konvenuta qed tinsisti li tinghata dan l-ammont lura bhala kreditu parafernali.

L-attur da parti tieghu jikkontesta dina d-donazzjoni, fejn jikkontendi li sar jaf biha biss tramite dawn il-proceduri u jekk saret l-iskrittura tad-donazzjoni, dina saret in *mala fede* u wara li gie ffirmat il-kuntratt ta' akkwist tad-dar matrimonjali f' PenderGardens fil-5 ta' Gunju, 2015. Mentri l-iskrittura giet iffirmata fit-12 ta' Gunju, 2015 bejn il-konvenuti u l-genituri taghha, jishaq li ma tressqux provi li dawn il-flus intuzaw biex ihallsu parti mill-appartament ta' PenderGardens u ghalhekk l-istess kreditu mhux dovut.

Il-verzjoni tal-attur mhix daqshekk konvincenti ghaliex primarjament il-valur tal-appartament meta gie akkwistat kien ta' 'l fuq minn €300,000 u l-partijiet jikkonfermaw li kienu hadu self ta' €145,000 u kienu hadu ukoll loan ta' €10,000 sabiex ihallsu x-xogholijiet ta' finishings ghaliex il-post kien *semi-finished*. Huwa car li gialadarba l-attur jilmenta li ma setghux jaffordjaw l-appartment in kwistjoni, izda kienet l-ghebusija ta' ras tal-konvenuta li wassalhom sabiex jixtru dan il-post, huwa kontradditorju li jghid li ma hemmx x'juri li dawn il-flus gew mill-bejgh tad-dar ta' Marsaskala. Jew kellhom flus jew ma kellhomx!

Inoltre, li jressaq allegazzjonjiet ta' skritturi li saru in *buona fede*, dina l-Qorti tirrileva li mhix kompetenza taghha li tiddetermina jekk l-iskrittura kienitx valida jew le imma dak li hu cert huwa li l-flus kienu gejjin minn proprjeta' appartenenti lill-genituri tal-attrici u gialadarba ghaddewhom lill-binthom kienu biex ighinhom bhala familja. Bl-ebda mod ifisser li dawn il-flus marru fil-komunjoni tal-akkwisti u jekk missier il-konvenuta semma' li tahom il-flus huwa evidenti li

kienu biss qed ighinu lil binthom b'mod dirett u indirettament lill-familja taghha. Ghalhekk, l-istess ammont jirrapprezenta kreditu parafernali tal-konvenuta.

Ghaldaqstant, is-somma ta' €180, 000 ghandha tigi assenjata lill-konvenuta mal-bejgh tad-dar u l-istess ammont ghandu jitnaqqas mir-rikavat gialadarba tinbiegh id-dar matrimonjali.

Ma' dawn il-flejjes gew ikkonfermati li missier il-konvenuta kien hallas ukoll id-depositu fuq il-konvenju fuq l-akkwist tal-appartament ta' Pendergardens fl-ammont ta' €10,000[70], kif ukoll omm l-attrici kienet ghaddietilha €20,000 sabiex xtrat il-*car space* Pendergardens[71]. Dawn pero' huma krediti dovuti lejn il-genituri tal-konvenuta u semmai hawn mhux il-kamp fejn ghandhom jitolbu ghar-rifuzjoni ta' dawn l-ispejjes, stante li dina hija kawza ta' separazzjoni fejn qed issir likwidazzjoni u assenjazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti, kemm rigward l-assi kif ukoll id-djun.

Dwar spejjez ohra relatati mal-appartament ta' PenderGardens, li qed tippretendi l-konvenuta li tigi rimborsata ghalihom hemm:-

i) €900 – flus biex inxtrat il-kamra tal-pranzu f'Marsaskala.
ii) €174,500 – flus li ghadda lill-konveuta sabiex tixtri l-ghamara ghall-appartament ta' Pendergardens.[72]
iii) €6,000 – ghall-gypsum li kien hemm bzonn fl-appartament ta' Pendergardens.
iv) €4,000 – ghas-soft furnishings fil-fond ta' Pendergardens.[73]

---

[70] Account statement Dok. AM 4
[71] Dok. AM6
[72] Account statemenrt Dok. AM 4
[73] Account statement Dok. AM 4

v) €10,000 li ghaddiet omm il-konvenuta biex tkompli tixtri l-ghamara li kien hemm bzonn.[74]

Tenut kont tal-fatt li dina l-Qorti assenjat id-dritt tal-konvenuta li tibqa' tghix fid-dar matrimonjali sakemm it-tfal jilhqu l-istat taghhom u di piu' konsiderando li l-ghamara ser tkun qed tgawdiha hi u fuq kollox ikkontribwiet in parti ghat-tifrik ta' dan iz-zwieg, dina l-Qorti mhix ser tilqa' l-pretensjoni attrici fuq dawn l-ispejjez.

**<u>Benefikati fid-dar ta' Marsaskala</u>**

Il-partijiet kienu joqoghdu f'Marsaskala f'post li kienu tawhom il-genituri tal-konvenuta. Mhux ikkontestat li saru diversi benefikati u "embellishments" fil-post u missier l-attur jelenka dawn l-ispejjes f'prospett fejn qed jippretendi li jithallas lura s-somma ta' Lm7,550.50.[75] Ghalkemm missier l-attur ipprezenta dan il-prospett, fl-ebda hin ma ressaq lill-haddiema li jallega li kienu hadmu fuq dawn il-benefikati sabiex jixhdu u jikkonfermaw li ghamlu dan ix-xoghol u pproduca stima hu stess tax-xogholijiet li saru. Ipproduca diversi ritratti sabiex juri li bnew tarag biex jifdu s-sulari u benefikati ohra, inkluz l-installazzjoni ta' parquet. Dawn ma gewx ikkontestati pero' mill-konvenuta.

L-attur da parti tieghu jsemmi d-diversi xogholijiet li saru fid-dar ta' MarsaXlokk u li kien ighin il-haddiema hafna drabi biex jiffranka l-flus, izda fl-ebda stadju tal-gbir tal-provi ma pproduca xi rcevuti fuq dawn l-ispejjes. Anzi jikkonferma li kienu jahdmu hu, missieru, flimkien ma' xi haddiema li kienu jghinuhom.

Ghaldaqstant, tenut kont tal-fatt, li hemm nuqqas ta' rcevuti u jidher ukoll li l-attur u missieru kkontribew lejn ix-xogholijiet volontarjament u l-unika prova

---

[74] Dok. AM 7

[75] Annex 1 u Annex 1A a fol. 91-94 tal-process.

tirrizulta mir-ritratti li gew esebiti, dina l-Qorti thoss li l-ammont ghall-benefikati mhux gustifikat tenut kont tal-htija tal-attur ghat-tifrik taz-zwieg.

**DECIDE**

Ghaldaqstant, ghal dawn il-motivi, dina l-Qorti taqta' u tiddeciedi billi:-

1. Tilqa' l-ewwel talba attrici in parte stante li l-konvenuta rrendiet ruhha hatja ta' ingurji gravi u sevizzi;
2. Tichad it-tieni talba attrici in kwantu jirrigwarda Y u tordna li jigi fdat fil-kura u kustodja esklussiva tal-konvenuta, filwaqt fil-kaz ta' A tastjeni li tiehu konjizzjoni tat-talba, stante li llum saret maggorenni.
3. Tilqa' t-tielet talba in parte, filwaqt li rigward l-access dan ghandu jibqa' liberu tenut kont tal-fatt li llum Yan ghandu l-eta' tieghu u jista' jirranga mal-attur dwar granet u hinijiet, filwaqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-talba fil-konfront ta' A, stante li llum saret maggorenni.
4. Tichad ir-raba' talba attrici u tordna lill-attur ihallas manteniment ghal uliedu kif fuq imfisser.
5. Tichad il-hames talba attici in kwantu dawn l-ispejjez huma inkluzi fl-ammont ta' manteniment kif deciz u mfisser iktar 'l fuq, filwaqt l-ispejjez tal-attivitajiet extra-kurrikulari ghandhom jinqassmu bejn il-partijiet.
6. Tichad is-sitt talba attrici stante li l-htija tal-konvenuta ma twassalx ghall-applikazzjoni tal-istess Artikoli 48 sa 51 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta.
7. Tilqa' s-seba' talba attrici, stante illi l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet diga' giet xolta permezz ta' sentenza in parte moghtija minn dina l-Onorabbli Qorti fis-16 ta' Marzu, 2022 u tillikwidaha u tassenjaha kif fuq deskritt.
8. Tichad it-tmien talba attrici stante l-htija tal-attur.
9. Tichad id-disa' talba stante l-htija tal-attur.

10. Tichad l-ghaxar talba stante l-htija tal-attur.
11. Tilqa' l-ghaxar talba in parte stante dak li gie deciz u mfisser fl-intestatura "Dar Matrimonjali."
12. Tilqa' t-tnax-il talba attrici in parte meta kemm il-darba, id-dar matrimonjali u cioe' 1004, Pendergardens, Triq Sant' Andrija, San Giljan, flimkien mal-car space, titpogga ghall-bejgh fuq is-suq miftuh, u ghal dawn il-finijiet tinnomina lin-Nutar Clinton Bellizzi, u l-kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw lill-eventwali kontumaci fuq l-att ta' bejgh tad-dar matrimonjali.

L-ispejjez ghandhom jigu sopportati, inkluz tal-eventwali bejgh tad-dar, in kwantu ¾ ghall-attur u ¼ mill-konvenuta.

**Onor.Imhallef Anthony J. Vella** **Registratur**